



L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil

EASO

Rapport Ġenerali

Annwali 2015



Ġunju 2016

SUPPORT IS OUR MISSION



L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil

EASO

Rapport Ġenerali

Annwali 2015

Ġunju 2016

SUPPORT IS OUR MISSION

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefown ċellulari ma jagħtux aċċess għan-numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ir-rapport għe adottat mill-Bord tat-Tmexxija fis-6 ta' Ġunju 2016.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Print ISBN 978-92-9494-016-2 ISSN 2467-3668 doi:10.2847/470326 BZ-AD-16-001-MT-C

PDF ISBN 978-92-9494-029-2 ISSN 2314-9981 doi:10.2847/06181 BZ-AD-16-001-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil 2016

La l-EASO u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet	4
Introduzzjoni	6
Sommarju Eżekuttiv	7
1. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi rilevanti fl-2015.....	9
2. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2015.....	10
3. Appoġġ permanenti	11
3.1 <i>Taħriġ tal-EASO.....</i>	11
3.2 <i>Appoġġ ta' Kwalità</i>	12
3.3 <i>Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI)</i>	13
3.4 <i>Programmi speċifiċi</i>	14
3.4.1 <i>Kooperazzjoni mal-membri tal-qradi u tat-tribunali</i>	14
3.4.2 <i>Attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati (UAM)</i>	15
3.4.3 <i>It-traffikar tal-bnedmin.....</i>	15
3.4.4 <i>Ġbir ta' informazzjoni dwar il-fenomenu tal-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji waqt il-proċedura għad-determinazzjoni tal-asil.....</i>	16
3.5 <i>Il-lista tal-EASO ta' lingwi disponibbli</i>	16
4. Appoġġ operattiv	17
4.1 <i>Riżerva ta' Intervent fil-Qasam tal-Asil (AIP).....</i>	17
4.2 <i>Appoġġ Operattiv</i>	18
4.2.1 <i>Appoġġ imfassal skont il-ħtiġijiet partikolari/Appoġġ speċjali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi</i>	18
4.2.2 <i>Appoġġ ta' emerġenza</i>	20
4.3 <i>Rilokazzjoni</i>	21
4.4 <i>Attivitajiet ta' pproċessar konġunt</i>	21
4.5 <i>Sinerġiji bejn l-asil u l-migrazzjoni</i>	21
4.6 <i>Akkoljenza u integrazzjoni</i>	22
5. Appoġġ għall-informazzjoni u l-analiżi	23
5.1 <i>Is-Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni.....</i>	23
5.2 <i>Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-Asil fl-UE 2014.....</i>	23
5.3 <i>Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Thejġija (EPS).....</i>	24
6. Appoġġ lil pajjiżi terzi	26
6.1 <i>Dimensjoni esterna</i>	26
6.2 <i>Ir-risistemazzjoni.....</i>	27
7. Il-qafas, in-netwerk u l-organizzazzjoni tal-EASO.....	29
7.1 <i>Bord tat-Tmexxija.....</i>	29
7.2 <i>Netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO</i>	29
7.2.1 <i>Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mal-Kummissjoni Ewropea</i>	29
7.2.2 <i>Kooperazzjoni mal-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.....</i>	30
7.2.3 <i>Kooperazzjoni ma' aġenziji tal-UE u aġenziji tal-ĠAI.....</i>	31
7.3 <i>Forum Konsultattiv</i>	31
7.4 <i>Komunikazzjoni.....</i>	32
7.5 <i>Il-ġestjoni tar-riżorsi.....</i>	32
7.6 <i>L-Evalwazzjoni Esterna tal-EASO</i>	34
8. Annessi	35
8.1 <i>Implimentazzjoni tal-baġit u rapport finanzjarju</i>	35
8.1.1 <i>Implimentazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' Impenn skont is-sors ta' finanzjament</i>	35
8.1.2 <i>Implimentazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għal kull sors ta' finanzjament...36</i>	36
8.2 <i>Tqassim tal-persunal tal-EASO</i>	37

Lista ta' abbrevjazzjonijiet

26 UE+	24 Stat Membru tal-UE + in-Norveġja u l-Iżvizzera
AIP	Riżerva ta' Intervent għall-Asil
AO	Uffiċjal Awtorizzanti
APD	Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil
ATCR	Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni
AST	Tim ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil
BIA	Analiżi tal-Impatt fuq in-Negozju
SEKA	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil
CEPOL	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija
COI	Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini
EASO	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
EASO FR	Regolament Finanzjarju tal-EASO
QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
ECRE	Il-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati
EMCDDA	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga
EMN	Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
EMN REG	Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
ENAC	Netwerk tal-EASO dwar l-Attivitajiet dwar it-Tfal
ENP	Viċinat u Sħubija Ewropej
ENPI	Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija
EPRA	Pjattaforma Ewropea ta' Aġenziji ta' Akkoljenza
EPS	Sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija
UE	Unjoni Ewropea
eu-LISA	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
EUROJUST	Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea
Europol	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija
FRA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
GAMM	Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità
GDISC	Konferenza tad-Diretturi Ġenerali tas-Servizz tal-Immigrazzjoni

GPS	Grupp għall-Forniment tal-Istatistika
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern
IARLJ	Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati
IDS	Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni
IGC	Konsultazzjonijiet Intergovernattivi dwar il-Politiki tal-Asil, tar-Refuġjati u tal-Migrazzjoni
IOM	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
LGB	Persuni Lesbjan, Omosesswali u Bisesswali
MSPP	Pjan ta' Politika tal-Persunal Pluriennali
NCP	Punt ta' Kuntatt Nazzjonali
NCPI	Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni
NGO	Organizzazzjoni Mhux Governattiva
QD	Direttiva dwar il-Kwalifiki
RCD	Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza
RDPPs	Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni
SSP	Pjan ta' Appoġġ Speċjali
THB	Traffikar tal-Bnedmin
UNHCR	Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati

Introduzzjoni

Ir-**Rapport Ġenerali Annwali tal-EASO** jelenka u jiddeskrivi l-kisbiet tal-Aġenzija fl-2015 flimkien mar-riżorsi użati. L-istruttura tar-rapport tirrifletti l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-EASO 2015 u tipprovdi rendikont dettaljat tal-progress imqabbel mal-għanijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati fil-programm ta' ħidma annwali.

Tingħata wkoll informazzjoni ewlenija rigward l-organizzazzjoni tal-EASO, il-pubblikazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji.

Ir-Rapport Ġenerali Annwali huwa ppreparat skont l-Artikolu 29(1)(c) tar-Regolament dwar l-EASO u adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO fis-6-7 ta' Ġunju 2016. Ir-Rapport Ġenerali Annwali jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern, u lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2016. Ir-Rapport Ġenerali Annwali huwa dokument pubbliku u ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Fl-2015, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-linji gwida għad-dokument tal-ipprogrammar għal aġenziji deċentralizzati (C(2014)9641) tas-16 ta' Diċembru 2014, l-EASO fassal ukoll **Rapport Annwali Konsolidat dwar l-Attività 2015** f'konformità mar-rekwiżiti l-ġodda ta'

rapportar stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju Qafas (Artikolu 47). Ir-rapport Annwali Konsolidat dwar l-Attività jinkludi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv, li fiha jiddikjara li l-informazzjoni mogħtija fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta dwar jekk ir-riżorsi allokati lill-attivitajiet intużawx għall-fini maħsub skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li l-kontrolli li hemm jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti; jinkludi l-kontijiet finali 2015, rapporti estensivi dwar il-baġit u l-ġestjoni finanzjarja, il-kontrolli interni żviluppati mill-Aġenzija, l-eżerċizzji ta' awditjar intern u estern li saru matul is-sena ta' referenza, kif ukoll informazzjoni dwar l-aċċess għal dokumenti u dwar publikazzjonijiet tal-EASO.

Il-Parti I (Kisbiet ta' Politika) tar-Rapport Annwali Konsolidat dwar l-Attività tal-EASO hija bbażata fuq ir-Rapport Ġenerali Annwali.

Ir-rapport Annwali Konsolidat dwar l-Attività għandu jintbagħat, flimkien mal-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern, u lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2016.



Sommarju Eżekuttiv

L-attivitajiet li implimenta l-EASO fl-2015 jistgħu jinqasmu f'ħames oqsma ta' fokus: **appoġġ permanenti, appoġġ speċjali, appoġġ ta' emerġenza, appoġġ għall-informazzjoni u l-analiżi u appoġġ lil pajjiżi terzi.**

Fi ħdan l-attivitajiet ta' **appoġġ permanenti** tiegħu, l-EASO pprova 23 sessjoni ta' taħriġ lil min iħarreġ, bil-parteċipazzjoni ta' 275 persuna li tagħti taħriġ minn 26 Stat tal-UE+, organizza 8 sessjonijiet ta' taħriġ reġjonali, żviluppa 2 moduli ta' taħriġ ġodda u aġġorna 3 moduli, żviluppa 3 manwali ta' taħriġ u Rapport Annwali dwar it-Taħriġ ibbażat fuq il-cockpit tat-taħriġ, organizza s-Seminar Didattiku Annwali, laqgħa ta' taħriġ għall-Punti ta' Kuntatt Nazżjonali u nieda l-akkwist għal Sistema ġdida ta' Ġestjoni tat-Tagħlim.

Il-ħidma tal-EASO dwar il-kwalità tal-proċessi u tad-deċiżjonijiet tal-asil kienet tinkludi mmappjar tematiku dwar il-proċedura ta' Dublin, il-proċedura tal-appelli, rispons prattiku għal sitwazzjonijiet ta' influż għoli, l-iżvilupp ta' rapporti tematiċi dwar l-aċċess għall-proċedura, proċeduri speċjali, l-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, il-proċedura ta' Dublin, u l-proċedura tal-appelli. Gwidi Prattiċi dwar l-Intervista Personali, dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(c) QD, l-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali u l-aċċess għall-proċedura għall-uffiċjali tal-ewwel kuntatt u l-laqgħa annwali tal-punti ta' kuntatt nazżjonali dwar il-kwalità. L-EASO saħħaħ ukoll il-kooperazzjoni tiegħu mal-membri tal-Qrati u t-Tribunali billi organizza konferenza annwali u 4 avvenimenti, inkluż wieħed fil-Lussemburgu, u żviluppa għodda prattika Exclusion, l-introduzzjoni għas-CEAS u l-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali. Fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, l-EASO organizza 2 laqgħat tal-esperti u beda l-iżvilupp ta' għodda ta' taħriġ dwar it-THB.

Kienet organizzata konferenza ta' kooperazzjoni prattika tal-EASO dwar minorenni mhux akkumpanjati u 2 laqgħat tematiċi u qiegħda tiġi finalizzata gwida prattika dwar it-traċċar tal-familja. Tnieda n-netwerk tal-EASO dwar l-Attivitajiet dwar it-Tfal (ENAC).

Rigward l-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI), l-EASO kompli jiżviluppa l-portal tas-COI li qeda 610 utenti attivi b'madwar 17 000 dokument, ħoloq 2 netwerks speċifiċi ġodda ta' COI dwar l-Eritrea u l-Ukrajna li tella' n-numru totali ta' netwerks għal 9, organizza 4 laqgħat ta' kooperazzjoni prattika u laqgħa tal-Amministraturi Nazżjonali tal-Portal Komuni, 2 laqgħat tan-Netwerk Strateġiku tas-COI, 2 seminars ta' taħriġ, u ġew ipproċessati 7 talbiet għal COI. Barra minn hekk, l-EASO pproduċa 7 rapporti dwar is-COI (is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Afganistan u l-aġġornament

tagħha, ir-rapport ta' fokus dwar l-Eritrea, is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Pakistan, in-Niġerja, il-Federazzjoni Russa u s-Somalja) u gwida dwar is-COI u l-LGB, u Gwida għar-Referenzjar intern tar-Rapport dwar is-COI.

Ingħata **appoġġ speċjali** lill-Italja, il-Greċja, Ċipru u l-Bulgarija. L-EASO organizza għadd ta' laqgħat ta' kooperazzjoni prattika dwar għodod li jipprovdu appoġġ, ipplanar ta' kontinġenza, rilokazzjoni u akkoljenza.

Barra minn hekk l-EASO, f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, implimenta t-tieni fażi ta' proġetti pilota ta' pproċessar konġunt (proġett pilota dwar l-applikazzjoni għall-asil, proġett pilota dwar id-determinazzjoni tal-asil u proġett pilota dwar il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà), iffinalizza manwal dwar l-attivitajiet ta' pproċessar konġunt u organizza sessjoni ta' ħidma prattika ma' esperti li pparteċipaw fil-proġetti pilota.

L-EASO pprova **appoġġ ta' emerġenza** lill-Greċja u lill-Italja fi ħdan il-qafas tal-hotspots. L-EASO organizza 2 laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt Nazżjonali tar-Riżerva ta' Intervent fil-Qasam tal-Asil. L-EASO appoġġa l-programm ta' Rilokazzjoni tal-UE mill-Italja u l-Greċja minn Settembru 2015.

Fil-qasam tal-**appoġġ għall-informazzjoni u l-analiżi**, l-EASO ppubblika r-Rapport Annwali tiegħu tal-2014 dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE b'kontribuzzjonijiet minn diversi partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, l-EASO ppubblika 4 rapporti trimestrali dwar l-asil, 12-il snapshot ta' kull xahar, 12-il rapport ta' ħarsa ġenerali ta' kull ġimgħa, u 6 rapporti *ad hoc*. Barra dan, l-EASO organizza 3 laqgħat mal-Grupp għall-Forniment tal-Istatistika (GPS), implimenta b'mod sħiħ it-tieni stadju tas-Sistema tiegħu ta' twissija bikrija u ta' tħejjija (EPS) u żviluppa proposta għat-tielet stadju tal-EPS, li kienet ippreżentata lill-Bord tat-Tmexxija f'Ġunju, li wasslet għall-ewwel għbir ta' data fil-15 ta' Settembru 2015. F'Ġunju 2015, l-EASO ppubblika wkoll rapport bit-titlu "Deskrizzjoni tas-Sistema Ungeriża tal-Asil".

Fir-rigward tal-**appoġġ lil pajjiżi terzi**, l-EASO kompli l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tad-Dimensjoni Esterna tal-EASO, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' proġett ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) mal-Ġordan, mat-Tuneżija u mal-Marokk. L-EASO stabbilixxa Netwerk tad-Dimensjoni Esterna u organizza 3 laqgħat ta' kooperazzjoni prattika, 14-il attivitajiet taħt il-proġett tal-ENPI. L-EASO pparticipa f'diversi laqgħat tal-Programmi Reġjonali għall-iżvilupp u l-Protezzjoni. L-EASO organizza sessjoni ta' ħidma dwar ir-risistemazzjoni fit-2 ta' Ottubru 2015, li ffokat fuq pajjiżi ġodda ta' risistemazzjoni.

Rigward l-**organizzazzjoni u l-kooperazzjoni tal-EASO mal-partijiet ikkonċernati**, l-EASO organizza 3 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, kellu l-ħames laqgħa tal-Forum Konsultattiv tiegħu u kkonsulta mas-soċjetà ċivili dwar diversi suġġetti.

Fit-23 ta' Settembru, l-EASO organizza wkoll konferenza bit-titlu "5 snin tal-EASO u s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil: riżultati u prospettivi". Il-konferenza kienet indirizzata minn għadd ta' kelliema ta' profil għoli, fosthom l-Aġent President ta' Malta, l-ET is-Sinjura Dolores Cristina, l-Onor MPE Jean Lambert, is-Sur Antonio Vitorino, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (1999-2004), Dott. Volker Türk, l-Assistent Kummissarju Għoli għall-Protezzjoni, UNHCR Dott. Demetrios G. Papademetriou, Fellow Għoli Distint u President Emeritus, President tal-MPI, MPI Europe. Ipparteċipaw aktar minn 200 rappreżentant mill-Istati Membri, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u akkademiċi.

Kienu organizzati diversi żjarat ta' livell għoli, li kienu jinkludu l-Kummissarju Ewropew għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni u ċ-Ċittadinanza, Dimitris Avramopoulos u s-Segretarju Ġenerali tal-OSKE, is-Sur Lamberto Zannier. Fl-aħħar nett, l-EASO saħħaħ b'mod sinifikanti l-komunikazzjoni interna u esterna tiegħu: inħarġu stqarrijiet għall-istampa u bullettini b'mod regolari u kien organizzat jum ta' informazzjoni dwar l-EASO fid-19 ta' Ġunju 2015 fl-Istati Membri u fil-Parlament Ewropew. L-EASO organizza 5 laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt Konġunt mal-Kummissjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, kienet finalizzata l-Evalwazzjoni esterna tal-EASO u r-rapport ġie ppubblikat f'Diċembru 2015.

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Kienu organizzati 117-il laqgħa u sessjoni ta' ħidma
3 764 membru tal-persunal nazzjonali mħarrġa fl-ETC
2 moduli ta' taħriġ ġodda
Ġew aġġornati 3 moduli ta' taħriġ
Kienu rilokati 272 persuna
Ġew ikkonsultati 100 + organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili
Ġie implimentat għal kollox l-Istadju III tal-EP5
3 proġetti pilota fit-tieni fażi dwar l-ipproċessar konġunt u proġett pilota dwar il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-fenomenu tal-faċilitazzjoni waqt il-proċess ta' determinazzjoni tal-asil
4 pjanijiet ta' appoġġ operattiv
34 pubblikazzjoni
9 netwerks tas-COI, kienu ppubblikati 4 rapporti dwar is-COI
18-il domanda dwar politika u 7 domandi dwar is-COI
500 000 żjara fis-sit web tal-EASO
Kienu organizzati 5 laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt Konġunt mal-Kummissjoni Ewropea



Stampa 1. Il-Konferenza "5 Snin tal-EASO u s-SEKA".

1. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi rilevanti fl-2015

Fl-2015, fl-UE+ saru numru rekord ta' aktar minn 1 392 155 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, li kien jirrappreżenta kemm l-oġġla numru kif ukoll l-akbar tkabbir minn sena għal sena mill-bidu tal-ġbir ta' data fil-livell tal-UE fl-2008.

Fid-dawl tal-inċidenti traġiċi riċenti fil-Baħar Mediterran, fl-20 ta' April, waqt il-laqgħa konġunta tal-Ministri tal-Intern u tal-Affarijiet Barranin, il-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u ċ-Ċittadinanza Avramopoulos ippreżenta pjan b'10 punti li jiddeskrivi l-azzjonijiet immedjati li jridu jittieħdu b'reazzjoni għall-kriżi fil-Mediterran. Fit-23 ta' April, il-Kunsill Ewropew ħareġ dikjarazzjoni ¹ li tiddeskrivi diversi miżuri — li bosta minnhom jinvolvu lill-EASO — li huma mmirati biex jipprevjenu milli jkun hemm it-telf ta' aktar ħajjiet fuq il-baħar u biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-emerġenza umana li qiegħda tiffaċċja l-UE. Din kienet segwita minn Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fid-29 ta' April 2015 ². Fit-13 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ³, li tiddeskrivi sensiela ta' passi li għandha tiegħu l-UE sabiex issawwar approċċ koerenti u komprensiv bil-għan li tkun tista' taħsad il-benefiċċji u tindirizza l-isfidi li ġejjin mill-migrazzjoni.

Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015 ⁴, waqt il-laqgħa informali tal-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Lulju 2015, l-Istati Membri fil-prinċipju appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-użu tal-mekkaniżmu ta' rispons ta' emerġenza skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għar-rilokazzjoni ta' applikanti Sirjani

u Eritreani għall-protezzjoni internazzjonali mill-Italja u l-Greċja. Bl-istess mod, l-Istati Membri appoġġaw rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal skema Ewropea ta' risistemazzjoni. Fl-14 ta' Settembru 2015 u fit-22 ta' Settembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/1523 ⁵ u (UE) 2015/1601 ⁶ rispettivament, li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja.

Dawn l-iżviluppi kollha għandhom implikazzjonijiet sinifikanti fuq l-attivitajiet tal-EASO, l-aktar fl-Italja u fil-Greċja permezz tal-hekk imsejjaħ approċċ imsejjes fuq il-“hotspots”, b'mod partikolari fuq ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, l-ipproċessar konġunt ta' applikazzjonijiet għall-asil, ir-riferiment ta' talbiet potenzjali għat-teħid tal-inkarigu ta' Dublin, u l-assistenza fir-rilokazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali mill-Italja u l-Greċja. Fl-2015 komplew il-programmi ta' risistemazzjoni u ta' ammissjoni umanitarja. Fl-20 ta' Lulju 2015, wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar skema Ewropea ta' risistemazzjoni, 27 Stat Membru flimkien mal-Istati Assoċjati ta' Dublin qablu li fi żmien sentejn jirrisistemaw permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali 22 504 persuni spostati minn barra l-UE li kienu fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali. Dan kien jimmarka l-ewwel sforz komuni tal-UE dwar ir-risistemazzjoni.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tal-*acquis* riformulat tal-UE dwar l-asil skadiet f'Lulju tal-2015, u l-Istati Membri ħadu aktar passi sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-sistemi nazzjonali tagħhom.

¹ Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, it-23 ta' April 2015 — dikjarazzjoni: <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2015/04/23-special-euco-statement/>. Din il-parti tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tinkorpora u tkompli tiżviluppa l-inizjattivi inklużi fil-Pjan Direzzjonali li ppreżentat il-Kummissjoni bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' April.

² P8_TA-PROV(2015)0176 <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+TA+P8-TA-2015-0176+0+DOC+PDF+V0//EN>

³ COM (2015) 240 final.

⁴ EUCO 22/15.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146–156.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja, ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80–94.

2. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2015

Fl-2015, l-EASO kkonsolida u kompla jżviluppa l-attivitajiet ewlenin eżistenti tiegħu, iżda se jiġu promossi attivitajiet ġodda billi jiġi segwit approċċ pass b'pass. L-EASO investa sforzi sinifikanti biex jimplimenta l-attivitajiet assenjati lill-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, li jinkludu diversi attivitajiet fl-Italja u fil-Greċja bħala parti mill-approċċ ibbażat fuq il-“hotspots”. L-EASO ffoka l-isforzi tiegħu sabiex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni prattika effettiva, koerenti u konsistenti tal-*acquis* riformulat tal-UE dwar l-asil. Kapaċità suffiċjenti fis-sistemi tal-asil nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE+ hija fundamentali għall-iżvilupp ulterjuri tas-SEKA. L-EASO żviluppa rwol aktar ċentrali fil-koordinazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' bini tal-kapaċità permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika, inkluż taħriġ, rapporti dwar is-COI u dwar il-kwalità. L-EASO saħħaħ il-kapaċità tiegħu li jiġbor u jiskambja informazzjoni u dokumentazzjoni dwar is-sistemi tal-asil, kif ukoll is-Sistema ta' twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS). L-EASO kompla jappoġġa d-dimensjoni esterna tas-SEKA skont l-istrateġija tad-dimensjoni esterna tal-EASO, bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea u fil-qafas tal-politika dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-UE. L-EASO organizza attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika bil-quddiem għall-pajjiżi tal-UE+, il-Kummissjoni Ewropea u partijiet ikkonċernati oħra, li kienu jinkludu konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, laqgħat ta' esperti u netwerks speċjalizzati sabiex jiġu diskussi u tittieħed azzjoni dwar diversi kwistjonijiet ta' rilevanza għall-UE kollha fil-qasam tal-asil (eż. dwar il-politika, l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-asil, is-sitwazzjonijiet fil-pajjiżi ta' oriġini, l-aħjar prattiki, il-flussi ta' emerġenza, eċċ.). L-EASO ssimplifika wkoll il-metodoloġija u l-attivitajiet li jippromwovu l-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil. L-EASO organizza sessjonijiet ta' ħidma prattika wara l-laqgħat tal-Kumitati ta' Kuntatt dwar temi identifikati mill-Istati Membri.

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Il-bidu tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet assenjati lill-EASO fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u fil-pjan ta' 10 punti
It-tiġib tar-rwol tat-taħriġ komuni u l-iżvilupp professjonali fil-qasam tal-asil
It-titjib tal-kwalità tad-deċiżjonijiet dwar u tal-proċessi tal-asil
Il-produzzjoni ta' Informazzjoni aktar komuni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI)
L-iżvilupp ta' pproċessar konġunt
L-istimular ta' djalogu ġudizzjarju fil-qasam tal-asil
Is-sostenn għal identifikazzjoni aħjar tal-persuni vulnerabbli
Il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-funzjonament tas-SEKA u l-iżvilupp ulterjuri ta' Sistema ta' twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS) sabiex tiġi pprovduta analiżi tax-xejriet;
L-għoti ta' appoġġ operattiv f'waqtu u komprensiv lill-Istati Membri;
Il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati u miżuri ta' integrazzjoni
Il-trawwim ta' sinerġiji bejn il-prattiki tal-immigrazzjoni u tal-asil, inkluż mar-ritorn ta' persuni li jfittxu l-asil li jiġu rrifjutati
Appoġġ għad-dimensjoni esterna tas-SEKA

3. Appoġġ permanenti

L-appoġġ permanenti tal-EASO lill-Istati Membri għandu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni tas-SEKA u jtejjeb il-kwalità tal-proċessi u s-sistemi tal-asil. L-għan tiegħu huwa li jipromwovi implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA fi ħdan l-UE u li jikkondividi l-għarfien u l-ħiliet komuni, l-organizzazzjoni u l-proċeduri, l-informazzjoni, ir-riżorsi u l-aqwa prattiki.

3.1 Taħriġ tal-EASO

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
275 parteċipant minn 26 Stat tal-UE+ u partijiet ikkonċernati oħra pparteċipaw fi 23 sessjoni ta' Taħriġ lil Min Iħarreġ organizzati mill-EASO
Ingħataw 271 sessjoni ta' taħriġ nazzjonali fil-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO lil 3 611 uffiċjal tal-asil
Ġie konkluż l-iżvilupp ta' 2 moduli ta' taħriġ u nbdeu 3 moduli ġodda.
Kienu aġġornati 3 moduli ta' taħriġ, filwaqt li l-kurrikulu sfiħ ġie rivedut fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ tal-EASO
Ġie ppubblikat rapport dwar it-taħriġ

L-attivitatiet ta' taħriġ tal-EASO għandhom l-għan li jappoġġaw lill-pajjiżi tal-UE+ sabiex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-persunal tagħhom responsabbli minn kwistjonijiet relatati mal-asil. F'konformità mal-qafas maħluq mill-Istrateġija tat-Taħriġ ⁷ adottata fl-2012, l-EASO jsegwi approċċ fuq żewġ binarji: minn naħa, l-EASO jiżviluppa materjal ta' taħriġ rilevanti u, min-naħa l-oħra, l-EASO jorganizza taħriġ ibbażat fuq sistema ta' taħriġ lil min iħarreġ.

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO ⁸ jkopri aspetti ewlenin tal-proċedura tal-asil permezz ta' 19-il modulu interattiv imminenti li jsegwu metodoloġija ta' taħriġ imħallat, li tikkombina taħriġ elettroniku online u sessjonijiet wiċċ imb wiċċ. L-EASO jwettaq b'mod regolari konsultazzjonijiet immirati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili, permezz tal-Grupp ta' Referenza tat-Taħriġ li jikkonsisti minn rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, in-Netwerk Odysseus, il-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) u membri *ad hoc* oħra. L-involvement ta' dawn l-entitajiet għandu rwol importanti fil-proċess ta' iżvilupp tat-taħriġ u fiż-żamma ta' standards għoljin ta' kwalità. L-EASO jorganizza wkoll laqgħat annwali tal-Punti ta'

Kuntatt Nazzjonali, li jintużaw bħala pjattaforma sabiex jiġu diskussi l-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-iżvilupp ta' taħriġ futur mal-Istati tal-UE+.

Fl-2015, il-Kurrikulu twessa' bl-iżvilupp ta' għadd ta' moduli ġodda filwaqt li xi moduli oħra ġew aġġornati. Żewġ moduli: "Il-Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orjentazzjoni Sesswali" u "L-Akkoljenza", kienu finalizzati. Matul din is-sena beda l-iżvilupp ta' tliet moduli oħra u huwa mistenni li jitlestha fl-2016: modulu dwar Metodi Didattiċi, modulu dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Protezzjoni Internazzjonali fl-UE u modulu dwar l-Introduzzjoni għall-Protezzjoni Internazzjonali. Barra minn hekk, fl-2015 beda l-aġġornament ta' tliet moduli eżistenti u huwa mistenni li jitlestha fl-2016: il-modulu dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza, il-modulu dwar ir-Regolament Dublin III u l-modulu dwar it-Tmim tal-Protezzjoni.

L-EASO ppubblika manwal dwar l-Intervistar ta' Persuni Vulnerabbli u beda l-iżvilupp tal-manwal dwar il-Modulu tal-Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orjentazzjoni Sesswali u l-manwal dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza, li huma mistennija li jiġu finalizzati fl-2016. L-għan ta' dawn il-manwali ta' taħriġ huwa li jservu bħala għodda ta' referenza għal dawk li diġà lestew is-sessjonijiet online u wiċċ imb wiċċ tal-modulu ta' taħriġ rispettiv. Il-manwali jakkumpanjaw lill-prattikanti fil-qasam tal-asil matul il-ħidma tagħhom ta' kuljum billi jipprovdu sommarju tal-elementi ewlenin tal-materjal ta' taħriġ.

Matul l-2015, ingħataw 23 sessjoni ta' taħriġ lil min iħarreġ fil-moduli li ġejjin: Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini, ir-Regolament Dublin III, il-Valutazzjoni tal-Evidenza, l-Esklużjoni, l-Inklużjoni, Tekniki ta' Intervistar, l-Intervistar tat-Tfal, l-Intervistar ta' Persuni Vulnerabbli, Modulu għall-Amministraturi, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, il-Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orjentazzjoni Sesswali, l-Akkoljenza. 275 riċevitur ta' taħriġ minn 26 Stat Membru, in-Norveġja u partijiet ikkonċernati oħra pparteċipaw fis-sessjonijiet ta' Taħriġ lil Min Iħarreġ (inklużi 9 parteċipanti mill-persunal tal-EASO). L-istess kif għamel fl-2014 u sabiex jiffaċilita parteċipazzjoni aktar wiesgħa, l-EASO organizza taħriġ reġjonali li jkopri kombinazzjoni ta' moduli. Ingħataw 8 sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ fi Vjenna, Brussell, Talinn u l-Ġermanja u kienet organizzata sessjoni waħda f'Istanbul fi ħdan id-Dimensjoni Esterna tal-EASO. Dawk is-sessjonijiet kienu jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' 106 uffiċjali tal-asil mill-Istati Membri, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u mill-Ġordan, it-Tuneżija u l-Marokk (pajjiżi tal-ENPI).

⁷ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-Training-strategy.pdf>

⁸ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/BZ0413152ENC.pdf>

Minbarra dan, ingħataw 271 sessjoni ta' taħriġ nazzjonali mill-EASO fuq il-pjattaforma ta' tagħlim elettroniku tiegħu, li bihom tħarrġu 3 611-il uffiċjal.

Barra minn hekk, sar progress fl-iżvilupp ta' ċertifikazzjoni għat-taħriġ tal-EASO. Kienu organizzati erba' laqgħat tal-esperti. Kienu riveduti l-moduli kollha tal-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO, sabiex jiġu żviluppati l-elementi kollha neċessarji għaċ-ċertifikazzjoni (jiġifieri bidla mill-Għanijiet tat-Tagħlim għar-Riżultati tat-Tagħlim u l-iżvilupp ta' deskritturi tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki) Saret ħidma preparatorja sabiex tiġi riċevuta konsulenza esterna sabiex tappoġġa l-proċess ta' ċertifikazzjoni tat-taħriġ tal-EASO.

Fl-2015, saru sforzi sabiex jinbeda proġett għall-migrazzjoni mis-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim preżenti għal pjattaforma ġdida. Bil-għajnuna ta' kumpanija ta' konsulenza esterna, l-EASO analizza l-ħtiġijiet tiegħu, iddefinixxa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u f'Awwissu nieda sejħa miftuħa għall-offerti. L-evalwazzjoni tal-offerti bdiet fir-raba' kwart tal-2015. Il-kuntratt qafas kellu jiġi aġġudikat u ffirmat f'Jannar 2016.

L-EASO kompli jirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO. Ir-Rapport Annwali dwar it-Taħriġ għall-2014 ġie ppubblikat fl-2015 u jipprovdi ċifri ewlenin u kompilazzjoni ta' skedi informattivi dwar it-taħriġ tal-EASO fil-pajjiżi differenti.

3.2 Appoġġ ta' Kwalità

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
L-iżvilupp tal-Għodda Prattika tal-EASO dwar l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (Għodda IPSN)
L-iżvilupp tal-Għodod Prattiki tal-EASO u l-Frontex dwar l-Aċċess għall-Proċedura għall-uffiċjali tal-ewwel kuntatt
It-tnejn tal-istabbiliment tan-Netwerk ta' Unitajiet ta' Dublin tal-EASO
Il-pubblikazzjoni ta' rapporti tal-Matriċi ta' Kwalità li jippreżentaw sejbiet ewlenin mill-eżerċizzji ta' mmappjar imwettqa dwar l-Aċċess għall-Proċedura, il-Proċeduri Speċjali u l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali.
Kienu organizzati 3 laqgħat tematiċi plenarji u 6 laqgħat tal-gruppi ta' ħidma

L-EASO għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri jiksbu standards komuni fi ħdan is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) permezz ta' kooperazzjoni Prattika, l-immappjar tal-prattiki u l-politiki tal-Istati tal-EU+ u sussegwentement permezz tal-iżvilupp ta' għodod Prattiki.

L-inizjattiva ta' Matriċi tal-Kwalità tal-EASO, li tnediet fl-2012, għandha l-għan li tkopri b'mod komprensiv l-oqsma kollha tas-SEKA billi tiżviluppa sett ta' riżultati interrelatati (immappjar tal-prattiki u l-politiki preżenti tal-Istati Membri, laqgħat u rapporti tematiċi, lista ta' proġetti u inizjattivi, għodod Prattiki).

Il-Matriċi tal-Kwalità tippermetti wkoll lill-EASO li jidentifika l-ħtiġijiet ta' appoġġ lill-Istati Membri. Fl-2015, l-immappjar tal-Matriċi tal-Kwalità ffoka fuq il-Proċedura ta' Dublin u l-Proċeduri tal-Appell. Kienu organizzati laqgħat tematiċi b'mod konġunt mal-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt iddedikata għall-istess suġġett.

Fl-2015, l-EASO żviluppa wkoll u għamel disponibbli fuq is-sit web tiegħu numru ta' għodod Prattiki u gwidi sabiex jappoġġa l-ħidma ta' kuljum tal-uffiċjali tal-asil u uffiċjali rilevanti oħra: il-“Gwida Prattika tal-EASO dwar l-Intervista Personali”, il-“Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza”, u l-“Gwida Prattika tal-EASO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (QD)”. Inħolqot ukoll l-“Għodda Prattika tal-EASO dwar l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali” sabiex tappoġġa l-identifikazzjoni f'waqtha ta' applikanti bi bżonnijiet speċjali skont l-APD (riformulata) u l-RCD (riformulata). Din l-għodda online qed tiġi promossa għall-integrazzjoni fi proċessi nazzjonali, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jirċievu appoġġ speċjali mill-EASO (BG u CY). Barra minn hekk, l-EASO żviluppa b'mod konġunt mal-Frontex u f'kooperazzjoni mal-FRA u l-UNHCR “Għodod Prattiki dwar l-Aċċess għall-Proċedura għall-uffiċjali tal-ewwel kuntatt”, biex jgħin lill-uffiċjali tal-ewwel kuntatt jidentifikaw il-persuni li għandhom mnejn ikunu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali. Fuq kollox, dawn l-għodod jipprovdu gwida dwar l-assistenza ta' segwitu u l-garanziji proċedurali li għandhom jingħataw lil dawn il-persuni (għoti ta' informazzjoni, reġistrazzjoni, riferiment u assistenza u garanziji proċedurali oħra). Dawn l-għodod huma mistennija li jiġu ppubblikati fil-bidu tal-2016. Dawn l-għodod bħalissa huma disponibbli bl-Ingliż u qed jiġu tradotti f'numru ta' lingwi tal-UE (sa 18) sabiex jiġi faċilitat l-użu tagħhom.

Fl-2015, l-EASO kompli jaħdem biex jipprepara u jippubblika rapporti tematiċi dwar kwistjonijiet ewlenin tas-SEKA. Tliet rapporti tematiċi, ir-“Rapport ta' Matriċi tal-Kwalità dwar l-Aċċess għall-Proċedura”, ir-“Rapport ta' Matriċi tal-Kwalità dwar Proċeduri Speċjali” u r-“Rapport ta' Matriċi tal-Kwalità dwar l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali” kienu ppubblikati u kondiviżi mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR għall-użu intern. Barra minn hekk, saret ħidma preparatorja għall-pubblikazzjoni ta' żewġ rapporti addizzjonali: ir-“Rapport ta' Matriċi tal-Kwalità dwar il-proċedura ta' Dublin” u r-“Rapport ta' Matriċi tal-Kwalità dwar il-proċeduri tal-Appelli”. Il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti hija pplanata għall-2016.

Barra minn hekk, f'Novembru saret il-laqqgħa annwali tal-Punti ta' Kuntatt Nazżjonali dwar il-Kwalità, b'27 parteċipant minn 14-il pajjiż tal-UE+, l-UNHCR u l-Kummissjoni Ewropea. Il-laqqgħa kienet tinkludi sessjoni ddedikata dwar il-kwistjoni topika tar-risponsi prattiċi possibbli għas-sitwazzjoni ta' influż għoli, speċjalment fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċessi tal-asil. Id-“Dokument tal-EASO dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità f'sitwazzjonijiet ta' influż għoli” kien ippreparat bħala riżultat ta' din is-sessjoni u ġie kondiviż mal-Istati Membri għall-użu intern.

F'konformità mal-Aġenda tal-UE dwar il-Migrazzjoni ta' Mejju 2015, l-EASO ffaċilita l-iżvilupp ta' Nota ta' Kunċett u ta' abbozz ta' Termini ta' Referenza għan-Netwerk ta' Unitajiet ta' Dublin il-ġdid tal-EASO abbażi tal-metodoloġija tal-Matriċi tal-Kwalità. Dawn id-dokumenti kienu kondiviżi mal-pajjiżi tal-UE+ għall-konsultazzjoni u se jiġu finalizzati fil-bidu tal-2016. Barra minn hekk, l-EASO kkonsolida n-Netwerk ta' Kwalità tal-EASO billi introduċa Termini ta' Referenza għall-ħidma tiegħu.

3.3 Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI)

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
9 netwerks speċjalizzati dwar is-COI
4 laqgħat tan-netwerks speċjalizzati dwar is-COI
4 laqgħat ta' kooperazzjoni prattika
Sessjoni ta' ħidma dwar is-COI u l-LGB
2 sessjonijiet ta' ħidma dwar l-internet u l-midja soċjali għar-riċerka dwar is-COI
4 rapporti dwar is-COI
Gwida Prattika dwar ir-Riċerka
2 laqgħat tal-iStratNet

Il-ħidma tal-EASO fil-qasam tal-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) għandha l-għan li tiżviluppa sistema komprensiva Ewropea tas-COI, billi tgħolli u tarmonizza l-istandards flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' approċċ ta' netwerk. L-iżvilupp tan-Netwerks tal-Ispċjalisti tal-EASO jippromwovi l-armonizzazzjoni ta' politiki u prattiki fost l-Istati Membri. L-infurmazzjoni dwar il-ħtiġijiet u l-prodotti tas-COI hija kondiviża u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi. In-netwerks jimpenjaw ruħhom ukoll f'valutazzjoni konġunta tas-sorsi ewlenin ta' COI, jiddiskutu kwistjonijiet speċifiċi rilevanti għall-asil fil-pajjiżi ta' oriġini u joffru qafas għall-produzzjoni konġunta tas-COI u jwieġbu b'mod konġunt il-mistoqsijiet dwar is-COI.

F'konformità ma' dan l-għan, fl-2015 l-Approċċ tan-Netwerk tas-COI tal-EASO, imniedi fl-2013, kompli

jiġi żviluppat: Kienu stabbiliti 2 netwerks ġodda dwar l-Eritrea u l-Ukraina, minbarra s-7 netwerks diġà stabbiliti (is-Somalja, is-Sirja, il-Pakistan, l-Iraq, l-Iran, il-Federazzjoni Russa u l-Afganistan). Id-9 netwerks jikkonsistu minn 189 parteċipant.

Kienu organizzati 3 laqgħat ta' kooperazzjoni prattika dwar l-Ukraina, l-Afganistan u n-Niġerja (COI, politika u traffikar ta' bnedmin), waħda dwar is-COI u l-LGB, flimkien ma' konferenza ta' kooperazzjoni prattika dwar l-Afganistan.

L-ewwel evalwazzjoni tal-ħidma tan-netwerks tas-COI saret f'Marzu/April 2016 fejn kienu żvelati livelli għoljin ta' sodisfazzjon.

Fl-2015, l-EASO ppubblika 4 rapporti dwar is-COI: “L-Afganistan: Is-Sitwazzjoni tas-Sigurtà”, “Fokus fuq il-Pajjiż tal-Eritrea”, “Ħarsa Ġenerali fuq il-Pajjiż tal-Pakistan”, u “In-Niġerja: It-traffikar ta' nisa għal sfruttament sesswali”. Riċerkaturi u esperti minn diversi Stati Membri kienu involuti fil-proċessi ta' tfassil u ta' rieżami bejn il-pari. Barra minn hekk, ġew finalizzati l-aġġornamenti tar-rapport “L-Afganistan: Is-Sitwazzjoni tas-Sigurtà” u tar-rapport “Is-Somalja: Is-Sitwazzjoni tas-Sigurtà” (ippubblikati f'Jannar, u fi Frar 2016 rispettivament) u rapport dwar il-“Federazzjoni Russa: Is-Settur tal-Ġustizzja u tas-Sigurtà” (għandu jiġi ppubblikat fl-2016).

Rigward il-metodoloġija tar-riċerka dwar is-COI, kienu organizzati żewġ sessjonijiet ta' ħidma ta' taħriġ dwar “Is-sigurtà u l-privatezza tal-internet fir-riċerka dwar is-COI” u “L-istabbiliment tal-għodod tal-Midja Soċjali għar-riċerka dwar is-COI”. F'Mejju 2015 kienet ippubblikata wkoll Gwida Prattika dwar ir-riċerka dwar is-COI u l-LGB (Persuni Lesbjan, Omosesswali u Bisesswali), li kienet ippreżentata waqt sessjoni ta' ħidma dwar is-COI u l-LGB f'Mejju 2015.

Rigward il-Metodoloġija ġenerali għar-Rapporti dwar is-COI tal-EASO, li kienet ippubblikata fl-2012, qiegħda ssir ir-reviżjoni tagħha b'kont meħud tal-esperjenzi riċenti fit-tfassil ta' tipi differenti ta' rapporti dwar is-COI tal-EASO.

Fl-2015, l-EASO għamel progress sostanzjali fl-aġġornament u l-iżvilupp ulterjuri tal-Portal dwar is-COI tal-EASO. Il-Portal, li nbena mill-Kummissjoni Ewropea u ġie trasferit lill-EASO fl-2012, jippermetti lill-uffiċjali tal-asil jaċċessaw firxa wiesgħa ta' COI minn punt ta' dħul uniku. Fl-aħħar tal-2015 kien hemm 17 000 dokument relatat mas-COI llinkjati permezz tal-portal, li issa għandu interfaċċja pubblikament aċċessibbli u 300 utent irreġistrat. Fil-5 ta' Frar 2016 kienet immedija verżjoni beta tal-pjattaforma ġdida tal-Portal dwar is-COI tal-EASO u se jiżiedu elementi ġodda matul l-2016.

Fil-livell maniġerjali, in-Netwerk Strateġiku, magħmul mill-Kapijiet tal-Unitajiet jew esperti tas-COI mill-pajjiżi

kollha tal-UE+, iltaqa' f'April u f'Novembru 2015, fejn ipprova kontribut strateġiku u rispons dwar l-attivitajiet tas-COI tal-EASO u skambja esperjenzi maniġerjali rigward ir-riċerka dwar is-COI.

3.4 Programmi speċifiċi

3.4.1 Kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Ġew finalizzati 2 Analiżijiet Ġudizzjarji dwar l-Esklużjoni u Introduzzjoni għas-SEKA rispettivament
Saru aktar attivitajiet ta' żvilupp professjonali, fosthom sessjoni ta' ħidma ta' żvilupp professjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Analiżi Ġudizzjarja dwar l-Artikolu 15(c) QD
Konferenza ta' livell għoli dwar il-“Valutazzjoni tas-SEKA: kwistjonijiet ewlenin fl-implimentazzjoni tas-SEKA” organizzata f'kooperazzjoni mal-QtĠ-UE

Sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u koerenti tas-SEKA, l-EASO jikkooopera mal-qrati u t-tribunali tal-pajjiżi tal-UE+. L-attivitajiet tal-EASO jitwettqu f'konformità mal-prinċipji adottati fl-2013, b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-qrati u t-tribunali, kif ukoll il-metodoloġija għall-attivitajiet ta' żvilupp professjonali disponibbli għall-membri tal-qrati u t-tribunali (verżjoni riveduta, Ottubru 2015).

Sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' żvilupp professjonali tal-membri tal-qrati u t-tribunali, l-EASO intensifika l-isforzi tiegħu sabiex joħloq Serje ta' Żvilupp Professjonali li tikkonsisti minn Analiżijiet Ġudizzjarji dwar suġġetti speċifiċi, li għandhom ikunu akkumpanjati b'Noti ta' Ġwida tal-Ħarrieġ Ġudizzjarju. Minbarra l-Analiżi Ġudizzjarja dwar l-Artikolu 15(c) QD ⁹, li diġà hija akkumpanjata minn tali Nota ta' Ġwida tal-Ħarrieġ Ġudizzjarju, fl-2015, l-EASO ffinalizza żewġ Analiżijiet Ġudizzjarji oħra. Tlesta x-xogħol fuq Analiżi Ġudizzjarja dwar l-Esklużjoni skont l-Artikoli 12 u 17 QD. Barra minn hekk, l-EASO, f'kooperazzjoni mal-Kapitolu Ewropew tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ-Europe) lesta Analiżi Ġudizzjarja dwar Introduzzjoni għas-SEKA. Fl-2015 ukoll, l-EASO beda l-preparazzjoni ta' Analiżi Ġudizzjarja dwar il-Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali, ukoll bl-għajnuna tal-IARLJ-Europe. Fl-iżvilupp tal-Analiżi Ġudizzjarja dwar l-Esklużjoni, l-EASO organizza tliet laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-esperti li għalihom attenda t-tim ta' tfassil kompost minn imħallfin u rappreżentant tal-UNHCR.

Kien organizzat avveniment ta' kooperazzjoni prattika ta' livell għoli dwar “Valutazzjoni tas-SEKA: kwistjonijiet ewlenin fl-implimentazzjoni ġudizzjarja tas-SEKA”, bil-kooperazzjoni u fil-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Lussemburgu. Minbarra numru kbir ta' kelliema ta' livell għoli mill-qasam ġudizzjarju, akkademiku u oqsma oħra, l-avveniment laqqa' flimkien 95 parteċipant minn 28 pajjiż tal-UE+. Din il-laqgħa kienet maħsuba sabiex isservi bħala forum għall-membri tal-qrati u t-tribunali li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-liġi tal-asil sabiex jipparteċipaw f'diskussjoni ma' kollegi minn firxa wiesgħa ta' pajjiżi tal-UE+. Din kienet tirrappreżenta opportunità importanti għal skambju ta' prattika u esperjenza bejn l-imħallfin bil-għan li fl-aħħar mill-aħħar jiżdied il-fehim reċiproku u l-armonizzazzjoni tal-istandards ġudizzjarji fil-pajjiżi kollha tal-UE+ fir-rigward tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Hija pprovdiet ukoll opportunità f'waqtha lill-EASO sabiex iwettaq pass biex jgħolli l-profil tal-EASO fost il-komunità ġudizzjarja aktar ġenerali bħala fornitur ta' appoġġ u, b'mod partikolari, ta' żvilupp professjonali.

Minbarra din il-laqgħa ta' livell għoli, l-EASO organizza wkoll sessjoni ta' ħidma għal ħarrieġa ġudizzjarji potenzjali dwar l-implimentazzjoni tal-Analiżi Ġudizzjarja dwar l-Artikolu 15(c) QD fl-attivitajiet ta' taħriġ nazzjonali. Dan l-avveniment, li sar fit-23-24 ta' April 2015, attendew għalih 18-il membru ta' qrati u tribunali minn 13-il Stat Membru u 2 imħallfin mill-Ġermanja u r-Renju Unit servew bħala ħarrieġa ġudizzjarji. Ingħata wkoll appoġġ prattiku fil-forma ta' żvilupp professjonali lil membri tal-ġudikatura fil-Ġermanja rigward il-metodi ta' riċerka u valutazzjoni tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini. Dan l-avveniment sar fit-18 ta' Ġunju 2015 fi Brunswick, fis-Sassonja t'Isfel.

Fl-aħħar nett, saret laqgħa inizjali li eżaminat il-possibbiltà li tiġi stabbilita miżura oħra ta' kooperazzjoni prattika fil-forma ta' bażi ta' data tal-ġurisprudenza. Attendew esperti minn firxa ta' Stati Membri kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, akkademiki u s-soċjetà ċivili. Proposta speċifika dwar dan is-suġġett imbagħad kienet ippreżentata fil-Laqqgħa Annwali ta' Koordinazzjoni u Ppjanar tan-netwerk ta' membri tal-qrati u t-tribunali tal-EASO dwar kif għandu jipproċedi bil-ġbir u l-kompilazzjoni tal-każistika.

In-netwerk diġà stabbilit ta' membri tal-qrati u t-tribunali tal-EASO żamm l-attivitajiet tiegħu fl-2015, inkluża l-Laqqgħa Annwali tiegħu ta' Koordinazzjoni u Ppjanar. F'din il-laqqgħa, kienu diskussi u approvati aktar attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika, bħall-baży ta' data tal-każistika. Barra minn hekk, kienu diskussi l-passi ulterjuri li għandhom jittieħdu fil-ħolqien tas-Serje ta' Żvilupp Professjonali għall-Membri tal-Qrati u t-Tribunali għas-snin li ġejjin.

⁹ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/Article-15c-Qualification-Directive-201195EU-A-judicial-analysis.pdf>

3.4.2 Attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati (UAM)

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Kienu organizzati 2 laqgħat plenarji dwar it-tfal u sessjoni ta' ħidma avvanzata tal-esperti
Ġiet żviluppata Gwida Prattika tal-EASO dwar it-Traċċar tal-Familji
Tnieda n-Netwerk tal-EASO dwar l-Attivitajiet dwar it-Tfal (ENAC)

Fl-2015, l-EASO kompli jipprovdi appoġġ u jiffaċilita l-kooperazzjoni prattika dwar kwistjonijiet relatati mat-tfal li jkun qegħdin ifittxu asil, inklużi t-tfal mhux akkumpanjati. Meta jagħmel dan, huwa jqis il-ħidma dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal żviluppata, fost l-oħrajn, mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar minorenni mhux akkumpanjati, l-FRA, l-UNHCR u l-Kumitat Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

In-Netwerk tal-EASO dwar l-Attivitajiet dwar it-Tfal (ENAC) ġie inawgurat fl-2015 u tnediet pjattaforma online għan-netwerk.

Kienet organizzata laqgħa tematika dwar it-tfal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin u l-ittraċċar tal-familji, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti minn 14-il Stat tal-UE+ u Aġenziji tal-UE, l-UNHCR, u organizzazzjonijiet u NGOs internazzjonali oħra b'kompetenza esperta dwar is-suġġett. Il-laqgħa kienet iddedikata għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju ta' traffikar/traffikar mill-ġdid tat-tfal. Barra minn hekk, l-EASO ħa l-opportunità biex jippreżenta l-istat attwali tal-Gwida prattika li jmiss tal-EASO dwar it-Traċċar tal-Familji u tan-Netwerk ta' Esperti tal-EASO dwar l-Attivitajiet tat-Tfal.

Ġie ffinalizzat l-abbozz intern tal-Gwida Prattika dwar l-Ittraċċar tal-Familji. Id-dokument se jiġi ppubblikat fit-tieni kwart tal-2016. Din il-gwida hija maħsuba sabiex tipprovdi gwida dwar il-proċess ta' traċċar tal-familji għall-uffiċjali tal-asil u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

L-EASO kompli jikkollabora attivament mal-Kummissjoni Ewropea u kkontribwixxa għar-rapport finali dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Minorenni Mhux Akkumpanjati.

It-tielet konferenza annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal saret fil-15-16 ta' Diċembru 2015, bil-parteċipazzjoni ta' 29 rappreżentant minn 13-il Stat tal-UE+, il-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (Child Circle; Defence for Children-ECPAT l-Olanda; ADCS; IOM; Missing Children Europe; NIDOS; Unicef). Minbarra li eżaminat l-attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal, il-konferenza indirizzat suġġetti relatati mat-tfal rilevanti fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali, bħall-aħjar interessi tat-tfal u l-valutazzjoni tal-età.

3.4.3 It-traffikar tal-bnedmin

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
L-EASO organizza Konferenza u laqgħa ta' kooperazzjoni prattika dwar it-THB
Qed tiġi żviluppata għodda ta' taħriġ dwar it-THB
Aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni mal-aġenziji tal-ĠAI fil-ġlieda kontra t-traffikar
L-istabbiliment tan-netwerk ta' esperti tal-EASO dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (EASO THBNet)

L-EASO għandu l-għan li jappoġġa l-istrateġija tal-UE għall-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin (2012-16) u l-implimentazzjoni koerenti tagħha b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet, korpi u Aġenziji oħra tal-UE, bħas-Cepol, l-Europol, l-FRA u l-Frontex. Sabiex jilħaq dan il-għan, l-EASO jappoġġa l-koerenza tal-politika u jintegra l-aspetti relatati mat-THB fl-attivitajiet tiegħu kollha.

Fl-2015, l-EASO attenda tliet laqgħat ta' koordinazzjoni tal-punti ta' kuntatt dwar it-THB fl-Aġenziji tal-ĠAI, li kienu organizzati mill-Uffiċċju tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li jiġi assigurat li l-Aġenziji jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-azzjonijiet kollha relatati mat-THB u, kull meta jkun xieraq, jaħdmu mill-qrib sabiex jipprovdu sinerġiji u jevitaw id-duplikazzjoni tal-kompiti filwaqt li jipromwovu approċċ multidixiplinari.

Barra minn hekk, l-EASO organizza żewġ avvenimenti dwar it-THB. F'Mejju saret it-tieni Konferenza Annwali tal-EASO dwar it-THB u l-Protezzjoni Internazzjonali, b'fokus fuq l-"Identifikazzjoni tal-vittmi ta' Traffikar tal-Bnedmin li jista' jkollhom bżonn ta' Protezzjoni internazzjonali". Kienu diskussi u identifikati l-isfidi u s-soluzzjonijiet għall-identifikazzjoni xierqa ta' vittmi potenzjali tat-THB matul il-proċedura tal-asil, kif ukoll is-sejbien ta' abbuż possibbli tal-proċedura, li wassal sabiex jibda jiġi żviluppat materjal ta' taħriġ speċifiku mill-EASO.

L-EASO organizza wkoll sessjoni ta' ħidma ta' kooperazzjoni prattika dwar "It-THB u l-protezzjoni internazzjonali: fokus speċjali fuq il-vittmi min-Niġerja". Din is-sessjoni ta' ħidma ffokat fuq diskussjonijiet minn esperti, ta' studji ta' każijiet ta' applikazzjonijiet Niġerjani relatati mat-THB, u d-diffikultajiet ewlenin li jiffaċċjaw l-uffiċjali tal-każ meta jivvalutaw it-talbiet tagħhom. Is-sessjoni ta' ħidma kienet organizzata wara l-laqgħa ta' Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) dwar in-Niġerja bil-għan li jinbnew sinerġiji bejn is-COI u l-politika f'dan il-qasam.

Fl-aħħar nett, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni prattika dwar it-THB, l-EASO stabbilixxa netwerk ta' esperti fl-UE+ appoġġat minn pjattaforma elettronika.

3.4.4 Ġbir ta' informazzjoni dwar il-fenomenu tal-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji waqt il-proċedura għad-determinazzjoni tal-asil

F'konformità mal-azzjoni 3.6 tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Task Force tal-Mediterran**¹⁰, l-EASO, flimkien mal-Frontex, l-Europol u l-Eurojust, kienu involuti fi proġett pilota konġunt mal-Ġermanja u l-Iżvezja sabiex jiksbu għarfien dwar il-fenomenu tal-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji waqt il-proċess tal-asil, sabiex jiġu analizzati x-xejriet u l-profilu. L-għan ta' dan il-proġett kien li sistematikament tinġabar informazzjoni u jinkiseb għarfien waqt il-proċess tal-asil dwar il-fenomenu tal-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji sabiex jiġu analizzati x-xejriet u l-profilu bil-ħsieb ta' użu akbar possibbli tal-metodoloġija u t-tagħlimiet miksuba matul dan il-proġett. L-ewwel laqgħa tat-tim tal-proġett saret fit-3 u l-4 ta' Settembru 2015. Il-proġett mistenni jidm sa Ottubru 2017.

3.5 Il-lista tal-EASO ta' lingwi disponibbli

L-EASO jappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' aċċess faċli għal-lingwi disponibbli fl-Istati Membri l-oħra permezz tal-lista ta' lingwi disponibbli (LAL).

Fl-2015 l-EASO żamm il-lista fl-istat preżenti tagħha. Fir-raba' kwart kienet ippreparata d-dokumentazzjoni għal servizzi ta' konsulenza adattati sabiex jiffaċilitaw l-użu tal-LAL u l-analiżi lingwistika. Sfida partikolari hija relatata mad-disponibbiltà limitata ta' interpreti f'lingwi rari. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-asil qed jiffaċċjaw diffikultajiet sabiex jipprovdu l-arranġamenti loġistiċi neċessarji sabiex tkun assigurata l-preżenza ta' interpretu għal kull pass proċedurali, meta tkun meħtieġa traduzzjoni. L-analiżi lingwistika hija għodda li tintuża b'mod estensiv minn xi Stati Membri għal skopijiet ta' valutazzjoni tal-kredibbiltà u identifikazzjoni, filwaqt li xi Stati Membri oħra attwalment ma għandhom l-ebda aċċess għal/informazzjoni dwar dan is-servizz. Billi jintużaw l-aktar żviluppi riċenti fl-ICT, għodod bħall-vidjokonferenzi jew il-komunikazzjoni elettronika jistgħu jipprovdu soluzzjoni għal xi wħud mill-isfidi msemmija hawn fuq. Aktar żviluppi għal-lista u laqgħat rilevanti kienu posposti minħabba prijoritajiet urġenti fl-2015 f'oqsma oħra tal-ħidma tal-EASO.

¹⁰ COM (2013) 869 tal-4 ta' Diċembru 2013.

Ġie ppubblikat Kodiċi ta' Kondotta aġġornat tal-EASO ¹¹ għall-persuni li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' appoġġ operattiv tal-EASO, u dan tqassam lill-esperti kollha qabel l-iskjerament mal-EASO. Dan jistabbilixxi l-prinċipji u r-regoli li jiggwidaw l-imġiba tal-persuni li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' appoġġ operattiv tal-EASO, jiġifieri l-membri tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil mill-Istati Membri parteċipanti skjerati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EASO, l-esperti mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Appoġġ Speċjali u persuni li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' Proċessar Konġunt tal-EASO.

F'Settembru 2015 kienet ippreżentata u diskussa mal-NCPs tal-AIP sistema ta' rispons dwar l-appoġġ ipprovdut mill-esperti skjerati bħala parti minn sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bbażata fuq ir-riżultati għall-operazzjonijiet. F'Diċembru 2015 ġie żviluppat u finalizzat manwal għall-persunal tal-EASO għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż ir-rispons lill-esperti.

4.2 Appoġġ Operattiv

4.2.1 Appoġġ imfassal skont il-ħtiġijiet partikolari/Appoġġ speċjali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Pjanijiet ta' appoġġ speċjali għal 4 pajjiżi (Ċipru, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja)
Il-Bulgarija: intużaw 31 espert, ġew implimentati 20 attivitajiet ta' SSP, 55 espert Bulgaru ipparteċipaw f'taħriġ, żjarat ta' studju u laqgħat
Il-Greċja: intużaw 21 espert, ġew implimentati 7 attivitajiet ta' SSP, 33 espert Grieg ipparteċipaw f'taħriġ, żjarat ta' studju u laqgħat
L-Italja: intużaw 4 timijiet ta' appoġġ speċjali u 2 esperti fuq perjodu fit-tul, 40 espert Taljan ipparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ
Ċipru: intużaw 22 espert, ġew implimentati 16-il attivitajiet ta' SSP, 14-il espert Ċiprijott ipparteċipaw f'taħriġ, żjarat ta' studju u laqgħat

Mill-esperjenza tas-snin preċedenti, fl-2015 l-EASO żviluppa aktar miżuri sabiex jgħin lill-Istati Membri li jeħtieġu appoġġ speċjali fis-sistemi tagħhom tal-asil u tal-akkoljenza. L-EASO pprova appoġġ speċjali lil

Ċipru, il-Bulgarija, il-Greċja u l-Italja abbażi tal-Pjanijiet ta' Appoġġ Speċjali (SSPs). Dan l-appoġġ ingħata skont it-talba minn dawk l-Istati Membri u l-valutazzjoni mill-EASO ibbażata, fost oħrajn, fuq l-analiżijiet tiegħu permezz tal-EPS.

I-Bulgarija

Fil-5 ta' Diċembru 2014 ġie ffirmat Pjan ta' Appoġġ Speċjali bejn l-EASO u l-Ministru tal-Intern tal-Bulgarija li kellu l-għan li jtejjeb u jsaħħaħ is-sistema tal-asil u l-akkoljenza tal-Bulgarija. L-SSP huwa sal-aħħar ta' Ġunju 2016. Fl-2015, esperti tal-EASO pprovdew appoġġ lill-Aġenzija Statali għar-Refuġjati (SAR) fl-iżvilupp ulterjuri ta' mekkaniżmu interistituzzjonali ta' skrining u riferiment għal persuni bi bżonnijiet speċjali, it-titjib tal-ħidma u l-attivitajiet soċjali fiċ-ċentri ta' akkoljenza, l-aġġornament tal-iskedi informattivi dwar is-COI u l-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs), l-iżvilupp ta' taħriġ standard u kodiċi ta' kondotta għall-interpreti, l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-proċedura tal-asil, taħriġ ta' induzzjoni għall-persunal ġdid ingaġġat, sessjonijiet ta' ħidma u għodod għall-finanzjament mill-UE kif ukoll fil-provvediment ta' sessjonijiet ta' ħidma mfasslin apposta, inkluż għall-imħallfin. Miżuri ta' appoġġ oħra ppermettew uffiċjali Bulgari li jipparteċipaw attivament f'laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika tal-EASO fil-qasam tal-kwalità, l-istatistika, is-COI u t-tfal, f'sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ fil-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO u fi żjarat ta' studju għall-iskambju ta' Prattiki tajba.

B'kolloxx, fl-2015, 31 espert minn 10 Stati Membri pparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' 20 attivitajiet fil-qafas tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali lill-Bulgarija. Barra minn hekk, 49 espert Bulgaru pparteċipaw f'laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika tal-EASO u 6 esperti Bulgari pparteċipaw fi żjarat ta' studju fil-Ġermanja u fin-Netherlands.

Il-Greċja

Fit-13 ta' Mejju 2015, l-EASO u l-Greċja ffirmaw Pjan ta' Appoġġ Speċjali ġdid għal perjodu ta' 12-il xahar (sa Mejju 2016). L-esperti tal-EASO pprovdew appoġġ fil-qasam tal-proċeduri ta' Dublin III, l-iżvilupp ta' diversi rapporti ta' fokus dwar is-COI, l-assistenza fuq perjodu fit-tul fil-qasam tal-fondi tal-UE u riżorsi finanzjarji oħra. Huma pprovdew ukoll appoġġ Prattiku liċ-Ċentru tal-Ewwel Akkoljenza f'Moria/Lesvos fil-qasam tal-ħidma soċjali u l-attivitajiet ta' kuljum, kif ukoll ħarrġu persunal Grieg fil-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO. L-awtoritajiet Griegi pparteċipaw f'diversi sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ tal-EASO, kif ukoll f'laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika fil-qasam tas-COI u l-istatistika/data.

B'kolloxx, fl-2015, 21 espert minn 8 Stati Membri pparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' 7 attivitajiet fil-qafas tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali lill-Greċja. Barra minn hekk,

¹¹ https://www.easo.europa.eu/sites/default/files/public/EASO_CODE_OF_CONDUCT.pdf

31 espert Grieg pparteċipaw f'laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika u taħriġ tal-EASO u 2 esperti Griegi pparteċipaw fi żjara ta' studju fil-Ġermanja.

L-Italja

Fil-kuntest tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali lill-Italja ¹², li se jidur sal-31 ta' Marzu 2016, l-EASO pprova appoġġ tekniku u operattiv sabiex itejjeb l-istrumenti tal-Italja għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-asil. L-EASO u l-Italja ħadmu flimkien fuq għadd ta' oqsma ta' prijorità, bħall-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) u l-appoġġ fuq perjodu fit-tul tal-Unità Taljana ta' Dublin. 40 uffiċjal Taljan li jaħdmu mal-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Asil u l-Kummissjonijiet Territorjali subordinati tagħha attendew taħriġ speċjalizzat tal-EASO dwar is-COI f'Ġunju 2015, f'Ruma. It-tim tal-fornituri ta' taħriġ intbagħat mill-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Asil fl-Iskola Superiore dell'Amministrazione dell'Interno f'tim ta' appoġġ ta' erba' membri sabiex jiffaċilita u jwettaq is-sessjoni ta' taħriġ wiċċ imb wiċċ dwar il-Modulu tas-COI fi ħdan il-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO għal 40 parteċipant.

Fl-ewwel nofs tas-sena 2015 kienu skjerati erba' Timijiet ta' Appoġġ Speċjali (Bini tal-Kapaċità

għall-Kummissjonijiet Territorjali — 2 timijiet skjerati f'Ruma u f'Verona, Appoġġ lill-Unità ta' Dublin — tim ta' 4 esperti li jwettqu pproċessar konġunt, Appoġġ fil-qasam tas-COI — tim ta' 3 esperti li fasslu dikjarazzjoni komprensiva tal-missjoni u pjan ta' taħriġ). Wara l-iskjerament tat-tim ta' appoġġ speċjali tal-EASO fil-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Asil, kien ikkonfermat l-isem tal-Unità Taljana għas-COI u ġie żviluppat format komuni għall-għoti ta' tweġibiet għat-talbiet dwar COI, flimkien ma' regoli interni ġodda dwar kif għandhom jingħataw it-tweġibiet u gwida lill-imħallfin u lill-Kummissjonijiet Territorjali dwar kif għandhom jitolbu COI. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità f'dan il-qasam kompli sa Marzu 2016.

Fit-tieni nofs tas-sena 2015 kienu skjerati 2 esperti għal perjodu fit-tul fil-qasam tal-appoġġ ta' Dublin u l-ħidma tagħhom poġġiet is-sisien tal-applikazzjoni ta' elementi ta' pproċessar konġunt, abbażi tal-Manwal Proċedurali tal-Unità Taljana ta' Dublin, li ġie żviluppat b'mod konġunt mill-EASO u l-Italja f'Mejju 2015.

Ċipru

L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali lil Ċipru ¹³ bdiet f'Lulju 2014 bil-miżuri ta' appoġġ



Stampa 3. F'wieħed mill-kampijiet f'Pozzallo, l-Italja.

¹² <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-SPP-Italy-ELECTR-SIGNED.pdf>

¹³ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-CY-OP.pdf>

fil-qasam tal-akkoljenza u l-akkomodazzjoni miftuħa. Fl-1 ta' Lulju 2015 din ġiet estiża sad-29 ta' Frar 2016. Fl-2015, l-SSP kien jinkludi l-miżuri li ġejjin: Miżura CY 1 ġbir ta' data u kapaċità ta' analiżi, Miżura CY 2 taħriġ dwar il-protezzjoni internazzjonali, Miżura CY 3 identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, Miżura CY 4 Għajjuna lil minorenni/minorenni mhux akkumpanjati, CY 5: Appoġġ fil-qasam tal-akkoljenza, CY 6: Żjarat ta' sudju, Miżura CY 7 Taħriġ, Miżura CY 8: Appoġġ fit-tiżni tal-kapaċità tal-Unità ta' Dublin.

B'kollox, fl-2015, 22 espert minn 8 Stati Membri pparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' 16-il attività fil-qafas tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali lil Ċipru. Barra minn hekk, 4 esperti Ċiprijotti pparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ u laqgħat tal-EASO u 10 esperti Ċiprijotti pparteċipaw fi żjarat ta' studju fil-Ġermanja u n-Netherlands.

4.2.2 Appoġġ ta' emerġenza

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Appoġġ ta' emerġenza lil 2 pajjiżi (Il-Greċja, l-Italja)
Il-Greċja: Intużaw 11-il espert, implimentata attività ta' HOP
L-Italja: Intużaw 17-il espert, implimentati 3 attivitajiet ta' HROP
Kienu rilokati 272 persuna (82 mill-Greċja, 190 mill-Italja)

Fl-2015, l-EASO kompli jiżviluppa l-attivitajiet tiegħu sabiex jappoġġa lill-Istati Membri taħt pressjoni partikolari fis-sistema tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom, b'mod partikolari billi jipprovdi appoġġ lill-Greċja u lill-Italja u billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-EASO biex iwieġeb fil-pront u b'mod effettiv għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Il-Greċja

Fit-30 ta' Settembru 2015, l-EASO u l-Greċja ffirmaw Pjan Operattiv dwar il-Hotspots (HOP) għal perjodu ta' tliet xhur. Kienu mibgħuta Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil f'Lesvos sabiex jidentifikaw kandidati potenzjali għar-rilokazzjoni, jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar il-programm u l-proċedura tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll jirreferuom lis-Servizz tal-Asil Grieg. Fis-17 ta' Diċembru 2015, kienet iffirmata emenda sabiex l-HOP jiġi estiż inizjalment sa Marzu 2016 b'tiġdid awtomatiku sal-aħħar tal-2016. Skont l-HOP, it-Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil se jkomplu jipprovdu informazzjoni lill-kandidati potenzjali għar-rilokazzjoni dwar Lesvos, Samos, Chios, Leros u Kos, jirreferu lill-kandidati interessati lis-Servizz tal-Asil, jappoġġaw

lis-Servizz tal-Asil waqt il-proċess tar-reġistrazzjoni (dwar il-valutazzjoni nazzjonali u kwistjonijiet ta' esklużjoni), is-sottomissjoni ta' każijiet ta' Dublin u ta' rilokazzjoni (inkluża l-proċedura ta' tqabbil) u jiprovdu appoġġ fil-qasam tal-frodi ta' dokumenti.

B'kollox, fl-2015, 11-il espert minn 9 Stati Membri pparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ fil-qafas tal-HOP Greċja (Miżura HEL 1 — għoti ta' informazzjoni dwar ir-rilokazzjoni u riferiment lis-Servizz tal-Asil Grieg). Sal-aħħar tal-2015, madwar 4 000 ruħ ingħataw informazzjoni mill-esperti tal-EASO u aktar minn 500 kienu riferuti lill-Uffiċċju Reġjonali tal-Asil f'Lesvos. Sal-aħħar tal-2015, kienu rilokati 82 persuna mill-Greċja.

L-Italja

B'segwitu għall-informazzjoni mibgħuta lill-NCPs f'Mejju 2015 b'referenza għas-sejthiet tal-EASO għal esperti għall-ipproċessar konġunt ta' applikazzjonijiet fl-Italja, l-EASO ddiskuta mal-awtoritajiet Taljani tal-asil u tal-pulizija, pakkett komprensiv ta' appoġġ operattiv skont l-approċċ ibbażat fuq il-hotspots tal-KE u fil-15 ta' Settembru 2015 beda l-attivitajiet ta' appoġġ għar-rilokazzjoni tal-hotspots, fil-qafas tal-kooperazzjoni eżistenti (SSP). Inbdiet fażi pilota tar-rilokazzjoni tal-hotspots f'Lampedusa (hotspot), Villa Sikanian (ċentru tar-reġistrazzjoni) u Ruma (ċentru tar-reġistrazzjoni u appoġġ ta' Dublin), li kkonfermat l-introduzzjoni tal-appoġġ tal-EASO f'din il-preidentifikazzjoni, prereġistrazzjoni u riferiment ta' talbiet potenzjali għat-teħid tal-inkarigu ta' Dublin, bħala fażijiet ewlenin tal-approċċ ibbażat fuq il-Hotspots għat-Timijiet ta' Appoġġ tal-EASO fil-qasam tal-Asil skjerati fl-Italja.

Fit-12 ta' Diċembru 2015, l-EASO u l-Italja ffirmaw Pjan Operattiv dwar ir-Rilokazzjoni tal-Hotspots (HROP) li għandu jiġi implimentat sal-aħħar ta' Ġunju 2016 bil-possibbiltà ta' estensjoni. L-HROP jipprevedi l-appoġġ għall-hotspots u r-rilokazzjoni, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u l-preidentifikazzjoni ta' kandidati potenzjali għar-rilokazzjoni u l-appoġġ fir-reġistrazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali (speċjalment kandidati għar-rilokazzjoni).

B'kollox, fl-2015, 33 espert minn 17-il Stat Membru pparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' 3 attivitajiet ta' appoġġ għar-rilokazzjoni tal-hotspots fl-Italja. Sal-aħħar tal-2015, 190 persuna kienu rilokati mill-Italja.

Sal-aħħar tal-2015, l-EASO kien attiv u appoġġa l-proċess ta' rilokazzjoni tal-hotspots f'żewġ oqsma: Miżura IT1 — Lampedusa, Vila Sikanian, Ruma, Milan: bini tal-kapaċità fil-preidentifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fid-dawl tal-proċedura ta' rilokazzjoni; Miżura IT2 — Unità ta' Dublin f'Ruma: Appoġġ għat-talbiet ta' teħid tal-inkarigu għal każijiet ta' rilokazzjoni.

4.3 Rilokazzjoni

Fl-14 ta' Settembru 2015 u fit-22 ta' Settembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/1523¹⁴ u (UE) 2015/1601¹⁵ rispettivament, li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja. Dawn id-deċiżjonijiet kellhom implikazzjonijiet sinifikanti fuq l-attivitajiet tal-EASO, l-aktar fl-Italja u fil-Greċja permezz tal-hekk imsejjaħ approċċ ibbażat fuq il-“hotspots”, inkluż fl-għoti tal-assistenza fir-rilokazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali mill-Italja u l-Greċja.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni taż-żewġ deċiżjonijiet, l-EASO żviluppa attivitajiet speċifiċi fl-Italja u fil-Greċja fil-forma ta' appoġġ ta' emerġenza u li kellhom l-għan li jappoġġaw liż-żewġ pajjiżi fl-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni. Kienu ffirmati Pjanijiet Operattivi dwar il-Hotspots maż-żewġ pajjiżi u kienu skjerati Timijiet ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil sabiex jimplementaw attivitajiet fi ħdan l-approċċ tal-Hotspots (ara aktar 'il fuq taħt l.4.2.2.). Sal-aħħar tal-2015, kienu rilokati 190 persuna mill-Italja u 82 mill-Greċja.

L-EASO offra parir lill-Italja u lill-Greċja dwar it-titjib u l-mili tal-formoli tar-reġistrazzjoni tagħhom għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iskema ta' rilokazzjoni. L-EASO fassal il-proċedura għall-Istati Membri tar-Rilokazzjoni sabiex jindikaw in-numru ta' persuni li għandhom jiġu rilokati, kif ukoll il-preferenzi u l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jirċievu persuni partikolarment vulnerabbli. L-EASO stabbilixxa u jżomm il-lista tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-rilokazzjoni. Barra minn hekk, l-EASO żviluppa fuljett ta' informazzjoni dwar ir-rilokazzjoni u ta parir lil partijiet ikkonċernati oħra dwar l-istrateġija ta' komunikazzjoni.

L-EASO jkompli jaħdem flimkien mal-Kummissjoni, l-aġenziji rilevanti l-oħra tal-UE u l-awtoritajiet Taljani u Griegi dwar it-titjib permanenti tal-proċessi ta' rilokazzjoni f'dan il-qasam. L-EASO qiegħed jiżviluppa għodod li jistgħu jassistu lill-esperti tal-Istati Membri u l-aġenti tal-awtoritajiet Taljani u Griegi fil-qasam tal-Aċċess għall-proċedura tal-Asil, il-valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà, il-verifika tan-Nazzjonalità u l-Esklużjoni. L-EASO estenda l-għbir ta' data tiegħu taħt l-EPS għall-proċedura ta' Rilokazzjoni.

Minbarra l-attivitajiet immirati lejn l-Italja u l-Greċja, fl-2015 l-EASO pparteċipa fi tliet Fora tal-KE dwar

ir-Rilokazzjoni u r-Risistemazzjoni u organizza żewġ laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika f'Sinerġija ma' dawn il-Fora tal-KE dwar ir-Rilokazzjoni u r-Risistemazzjoni.

4.4 Attivitajiet ta' pproċessar konġunt

Fl-2015 l-EASO wettaq numru ta' proġetti pilota dwar l-ipproċessar konġunt, b'mod partikolari fil-qafas tat-Task Force dwar il-Mediterran. Wara din l-esperjenza, l-EASO kien qiegħed jimmira li fl-2015 iwettaq evalwazzjoni tal-proġetti u jfassal manwal dwar l-ipproċessar konġunt. Barra minn hekk, fl-2014 kienu ppreparati attivitajiet oħra ta' pproċessar konġunt u dawn kienu mnedija u kompletati fl-2015: Proġett Pilota dwar l-Applikazzjoni għall-Asil (PL bħala l-pajjiż ospitant; konkluż fi Frar); Proġett Pilota dwar id-Determinazzjoni tal-Asil (NL bħala l-pajjiż ospitant; konkluż f'Marzu); Proġett Pilota dwar il-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà (UK bħala l-pajjiż ospitant; konkluż f'Ġunju).

L-EASO wettaq evalwazzjoni tal-eżitu tal-proġetti pilota ta' pproċessar konġunt. Kienu organizzati żewġ sessjonijiet ta' ħidma Prattika bil-parteciċipazzjoni ta' esperti skjerati fit-Timijiet ta' Appoġġ għall-Ipproċessar Konġunt. B'riżultat ta' dawn il-laqgħat ġew imfassla u finalizzati r-Rapport tal-EASO dwar l-attivitajiet ta' pproċessar konġunt u Manwal tal-EASO dwar l-ipproċessar konġunt.

Fl-2015, fi ħdan il-kuntest tal-kriżi tal-migrazzjoni, l-EASO nieda attivitajiet addizzjonali ta' pproċessar konġunt fuq skala kbira fl-Italja u fil-Greċja (ara aktar 'il fuq taħt l.4.2.2.).

4.5 Sinerġiji bejn l-asil u l-migrazzjoni

L-EASO għandu l-għan li jippromwovi l-koerenza fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet fl-oqsma tal-asil u l-migrazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tar-ritorn ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-asil li jiġu rrifjutati. Dan l-aspett huwa parti integrali ta' sistema effettiva tal-asil. L-EASO għandu l-għan li jesplora possibbiltajiet ta' skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki sabiex jintegra elementi rilevanti għar-ritorn ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-asil li jiġu rrifjutati, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN REG).

Fl-2015, l-EASO pparteċipa f'laqgħat rilevanti dwar ir-ritorn organizzati mill-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tal-EMN, in-Netwerk Ewropew dwar ir-Riintegrazzjoni (ERIN), il-Frontex u l-Inizjattiva ta' Appoġġ Komuni dwar

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146–156.

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja, ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80–94.

ir-Ritorn. L-ewwel laqgħa dwar il-proċess wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet posposta għall-ewwel kwart tal-2016.

4.6 Akkoljenza u integrazzjoni

Fl-2014 l-EASO beda jibni l-kapaċità interna tiegħu sabiex jipprovdni appoġġ dwar is-sistemi u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, kienu żviluppatti sinerġiji ma' netwerks ta' esperti rilevanti f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Pjattaforma Ewropea ta' Aġenziji ta' Akkoljenza (EPRA).

F'Ġunju 2015 f'Malta, saret laqgħa ta' kooperazzjoni Prattika tal-esperti dwar is-sistemi u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza flimkien mal-EPRA u f'Diċembru 2015 l-EASO pparteċipa fil-laqgħa full-round tal-EPRA fi Brussell u ppreżenta l-ewwel riżultati tal-ġbir ta' data tal-EASO dwar l-akkoljenza u tat-taħriġ pilota tal-modulu dwar l-Akkoljenza.

Bdiet tinġabar data dwar l-akkoljenza bħala parti mill-istadju III tal-EPRA (ara aktar 'l isfel taħt 1.5.3).

Barra minn hekk, l-EASO qiegħed jiżviluppa manwal dwar l-Ippjanar ta' Kontinġenza, li jinkludi gwida għall-aħjar Prattika fl-Istati Membri tal-UE sabiex jiġi stabbilit pjan ta' kontinġenza biex jiġu ffaċċjati flussi ta' migrazzjoni kbar u sproporzjonati. Il-Manwal huwa bbażat fuq qafas ta' kontinġenza diġà żviluppatt mill-EASO, li jipprovdni indikazzjoni tal-passi li jistgħu jieħdu l-Istati Membri f'każ ta' Emerġenza. Matul l-2015 kienet organizzata laqgħa waħda tal-esperti għall-iżvilupp tal-manwal, li se jiġi finalizzat u ppubblikat fl-2016, wara tfassil addizzjonali mill-EASO u konferma mill-esperti tal-Istati Membri fil-grupp ewlieni. Matul l-2015, l-EASO u l-Irlanda analizzaw flimkien mal-Istati Membri l-oħra t-tweġibiet għal Kwestjonarju speċifiku maħruġ min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN) dwar dan is-suġġett. Kien hemm qbil li l-iżvilupp ta' Manwal bħal dan fi ħdan is-SEKA jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni Prattika u l-iskambju tal-aħjar Prattiki, jipprovdni għodod ta' kontinġenza komuni lil dawk l-Istati Membri li għad m'għandhomx fis-seħħ ippjanar ta' kontinġenza, kif ukoll jipprovdni gwida għat-titjib tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali eżistenti.

Rigward l-integrazzjoni, l-EASO kien mistieden għall-ewwel darba fil-laqgħa tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni (NCPI) f'Marzu 2015 sabiex jippreżenta lill-aġenzija u jiskambja fehmiet mal-NCPIs. Ingħata rispons preliminari mill-Istati Membri dwar involviment possibbli tal-EASO f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, l-EASO billi jibni fuq inizjattivi eżistenti u skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, se jiżviluppa n-netwerk UE+ tal-EASO dwar l-akkoljenza.

5. Appoġġ għall-informazzjoni u l-analiżi

5.1 Is-Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni

Fl-2014, l-EASO beda l-iżvilupp ta' sistema u bażi ta' data ta' ġestjoni kombinata tal-kontenut — is-Sistema ta' Informazzjoni u ta' Dokumentazzjoni (IDS) — fil-forma ta' għodda tal-IT li sejra tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata u aġġornata tal-funzjonament prattiku tas-SEKA. L-IDS hija ppjanata li tkun librerija ta' tiftix li tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva ta' kif isir kull stadju tal-proċess tal-asil f'pajjiżi individwali tal-UE+. Dawn l-elementi ewlenin jinkludu: aċċess għall-proċedura, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, proċeduri ta' Dublin, determinazzjoni fl-ewwel istanza, determinazzjoni fit-tieni istanza, akkoljenza u detenzjoni, ritorn u kontenut tal-protezzjoni/integrazzjoni. Huwa ppjanat li jiġi fformat netwerk tal-IDS ta' esperti mill-Istati Membri li jivvalida l-informazzjoni fl-IDS u jaġġornaha fuq bażi regolari biex l-utenti jkunu jistgħu jikkonsultaw, iqabblu u janalizzaw il-prattiki tal-asil fl-UE kollha.


L-EASO stabbilixxa verżjoni pilota tal-IDS li kienet ippreżentata lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Forum Konsultattiv u fl-2015 kompli l-iżvilupp tas-sistema bil-finalizzazzjoni tal-istruttura u l-funzjonalitajiet tal-għodda. Il-kontenut inizjali li jkopri l-istadji ewlenin tal-proċess tal-asil fil-pajjiżi kollha tal-UE+ ddaħħal mill-EASO, billi tqieset l-informazzjoni miġbura fis-sorsi, bħall-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO, ir-rapporti tal-EMN, il-kontribuzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni dwar l-Asil (fosthom mill-UNHCR u mis-soċjetà ċivili) u informazzjoni minn siti web u bażijiet ta' data nazzjonali. Saret laqgħa man-Netwerk tal-EASO ta' Membri tal-Qrati u t-Tribunali sabiex tiġi diskussa l-integrazzjoni tal-ġurisprudenza nazzjonali fl-IDS. Fl-aħħar nett, f'Jannar 2016 saret laqgħa ta' tnedija tan-Netwerk tal-IDS (b'rappreżentanti ta' 16-il pajjiż tal-UE+) għand l-EASO. In-netwerk se jkompli jivvalida l-kontenut tal-IDS sabiex jassigura l-preċiżjoni tal-informazzjoni maħżuna u jgħin sabiex tkompli tiġi żviluppata sistema.

5.2 Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-Asil fl-UE 2014

Fl-2015, l-EASO ppubblika r-raba' rapport ta' referenza annwali tiegħu: “*Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea 2014*”¹⁶. Ir-Rapport ipprova ħarsa ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, billi eżamina t-talbiet għall-protezzjoni internazzjonali lill-UE, analizza d-data dwar l-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet, u ffoka fuq xi wħud mill-aktar pajjiżi ta' orijini importanti ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, ir-rapport iffoka fuq tliet flussi għall-asil li sottomlinjaw il-karatteristiċi differenti ħafna tal-applikanti għall-asil fl-UE: is-Sirja, il-Federazzjoni Russa u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Ir-rapport enfasizza wkoll żviluppi kbar fir-rigward tal-politiki tal-UE/nazzjonali, il-bidliet leġiżlattivi u l-ġurisprudenza. Fil-qafas tar-Regolament 862/2007, l-Eurostat kien is-sors ewleni ta' data statistika użata għar-Rapport Annwali. Biex jassigura data ta' kwalità għolja, l-EASO jikkoopera mal-Eurostat rigward il-konformità, it-tfakkiriet u l-konsistenza tas-settijiet ta' data ppubblikati fuq is-siti web. Id-data miġbura mill-EASO permezz tas-sistema ta' għbir ta' data tal-EPS iprovdiet aktar informazzjoni, li għandha tintuża fir-rapport b'appoġġ għall-analiżi eżistenti u biex twessa' r-referenzi statistiċi fis-sezzjonijiet tematiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha, il-UNHCR u 15-il organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili pprovdew kontribut għar-rapport.

Ir-Rapport Annwali ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO fit-8 ta' Ġunju 2015 u ġie mniedi għall-pubbliku fi Brussell fit-8 ta' Lulju waqt konferenza miftuħa għall-Istati Membri u għas-soċjetà ċivili u li għaliha attendew madwar 120 parteċipant. Biex ikompli jinxtered aktar, ir-rapport ġie tradott f'5 lingwi (EN, FR, ES, DE, IT).



¹⁶ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-Annual-Report-20142.pdf>

5.3 Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS)

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
4 rapporti trimestrali
12-il rapport ta' analiżi tax-xejriet ta' kull xahar (MTAR) ippubblikati fi żmien 10 ijiem
12-il snapshot ta' kull xahar
10 kontributi għall-bullettin tal-EASO dwar L-aħħar xejriet tal-asil (it-taqsimha pubblika)
12-il rapport ta' ħarsa ġenerali ta' kull ġimgħa dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+ (minn Ġimgħa 40)
4 rapporti dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża (PVLMM) (minn Lulju 2015)
3 laqgħat tan-netwerk tal-GPS
Rapporti ta' kull ġimgħa dwar ir-rilokazzjoni li bdew f'Ottubru 2015
Ġbir tal-indikaturi tal-Istadju III tal-EPS li beda f'Settembru 2015 (Aċċess għall-proċedura, Dublin, akkoljenza, ritorn)
7 analiżijiet u rapporti <i>ad hoc</i> dwar ir-riskju
Beda programm ta' riċerka tal-EASO dwar fatturi ta' push-pull fil-migrazzjoni relatata mal-asil

L-EASO kompli bil-ġbir ta' data taħt is-Sistema tiegħu ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS). L-Artikolu 33 tar-Regolament riformulat ta' Dublin jipprevedi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu Ewropew għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet bi rwol ewleni għall-EASO fil-forniment tal-informazzjoni. F'dan il-qafas, is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS) tal-EASO hija mfassla biex tkun parti fundamentali minn dan il-mekkaniżmu u għandha l-għan li tipprovdi monitoraġġ preċiż, f'waqtu u komplet tal-funzjonament prattiku tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) permezz ta' ġbir f'waqtu ta' data operattiva. It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, in-Norveġja u l-Iżvizzera, imsejħa wkoll il-pajjiżi tal-UE+, jipprovdu data fuq bażi ta' kull xahar lill-EASO fi żmien 15-il jum tal-kalendarju wara t-tmiem tax-xahar ta' referenza.

Skont il-proċess miftiehem, l-iżvilupp tal-EPS huwa ppjanat li jipproċedi pass pass fi stadji. Fl-2015 kienet ippreparata t-tnedija tal-Istadju III tal-EPS. Il-ġbir tad-data għall-Istadju III beda fil-15 ta' Settembru 2015. L-indikaturi addizzjonali jinkludu każijiet magħluqa mod ieħor, l-aċċess għall-proċedura, l-akkoljenza, ir-ritorn u Dublin. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-istati pprovdu xi data għall-Istadju III mill-bidu tiegħu, diversi stati — kif kien mistenni — kellhom diffikultajiet sabiex jipprovdu informazzjoni għal ċerti indikaturi, minħabba li kellhom bżonn iż-żmien sabiex jaġġustaw is-sistemi nazzjonali tal-IT u sabiex idaħħlu koordinazzjoni nazzjonali, billi xi informazzjoni kellha tiġi minn aġenziji/ministeri oħra.

Il-livell ta' konformità għalhekk huwa mistenni li jitjieb gradwalment matul l-2016. Il-każijiet magħluqa mod ieħor, Dublin u l-akkoljenza kellhom l-ogħla livell ta' konformità, filwaqt li l-forniment ta' data għall-aċċess għall-proċedura u r-ritorn kienu diffiċli wisq għal diversi stati.

Fl-2015, l-EASO ħareġ 12-il rapport ta' analiżi tax-xejriet ta' kull xahar, 3 snapshots ta' kull xahar, 3 rapporti trimestrali¹⁷ u 7 rapporti *ad hoc* (jiġifieri noti ta' twissija bikrija, aġġornamenti tas-sitwazzjoni u valutazzjonijiet tal-impatt). Filwaqt li xi wħud minn dawk id-dokumenti kienu ristretti jew limitati għall-UE u kienu indirizzati lill-Membri tal-Bord tat-Tmexxija, l-EASO pprovda wkoll 10 kontributi dwar l-Aħħar Xejriet fil-Qasam tal-Asil lill-bullettin tal-EASO, dokument pubbliku disseminat b'mod estensiv. Minn Lulju 2015, l-EASO ppubblika erba' Rapporti dwar il-Mekkaniżmu ta' Wara l-Liberalizzazzjoni tal-Viża. Mill-ġimgħa 40 ukoll, l-EASO beda jippubblika rapporti ta' ħarsa ġenerali ta' kull ġimgħa dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+, sabiex jipprovdi informazzjoni aġġornata u f'waqtha dwar il-kriżi tal-migrazzjoni. Fl-2015 kienu ppubblikati 12-il rapport ta' kull ġimgħa għal użu limitat.

Fl-2015, l-EASO pproduċa u/jew aġġorna għadd ta' rapporti *ad hoc*. Kienu aġġornati r-rapporti dwar l-Ukrajna u dwar l-Eritrea. Ġie prodott rapport dwar il-liberalizzazzjoni tal-Viża għall-Ukraina. Matul is-sena, kienet prodotta u aġġornata Analiżi tar-Riskju ta' Liberalizzazzjoni tal-Viża għat-Turkija. Barra minn hekk, kienet aġġornata wkoll l-Analiżi tar-Riskju ta' Liberalizzazzjoni tal-Viża għall-Ġeorġja. L-Applikanti għall-Asil mill-Balkani tal-Punent: kienet aġġornata l-analiżi komparattiva tax-xejriet, il-fatturi ta' push-pull u t-tweġibiet.

Kienu organizzati 3 laqgħat mal-membri tal-GPS. L-ewwel laqgħa kellha l-għan li tiddiskuti l-fattibbiltà tal-proposta tal-Istadju III, it-tieni waħda kellha l-għan li tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-indikaturi tal-Istadju III u t-tielet laqgħa kellha l-għan li tevalwa l-ewwel forniment ta' data taħt l-Istadju III tal-ġbir ta' data.

Sabiex ikollu fehim aħjar tal-influss għall-asil, u b'hekk itejjeb il-kwalità tal-analiżi u jtejjeb il-kapaċitajiet għall-iżvilupp ta' xenarji li jħarsu 'l quddiem, l-EASO beda Programm ta' Riċerka dwar il-fatturi ta' push u ta' pull tal-migrazzjoni "sfurzata". L-idea kienet diskussa waqt diversi laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u, minħabba l-appoġġ estensiv li ntwera, kienet inkluża attività speċifika fis-sezzjoni 4.3 tal-Programm ta' Ħidma għall-2015. Il-Programm ta' Riċerka eventwalment għandu jwassal għall-iżvilupp ta' mudell validat b'mod empiriku li jispjega l-importanza relattiva tad-diversi fatturi prinċipali ta' push u pull li jiddeterminaw il-migrazzjoni relatata mal-asil għal ċerti flussi tipiċi.

¹⁷ <https://easo.europa.eu/asylum-trends-analysis/quarterly-report/>

F'Ottubru 2015 l-EASO ingaġġa membru tal-persunal tal-livell meħtieġ iddedikat full-time sabiex jimmaniġġja l-programm, u dan jinsab fiċ-Ċentru għall-Infommazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi.

Minħabba l-komplessità tas-suġġett, il-proġett huwa ddisinjat bħala programm pluriennali komprensiv, fuq skala kbira, li se jiġi implimentat b'mod gradwali. Billi l-EASO m'għandux ir-riżorsi umani disponibbli sabiex iwettaq Programm ta' Riċerka estensiv bħal dan internament, lottijiet għas-servizzi ta' riċerka se jingħataw permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti sabiex jitwettaq ix-xogħol u jiġu pprovduti r-riżultati prinċipali. L-ewwel lott — analiżi tal-letteratura li tidentifika l-fatturi sinifikanti kollha ta' push/push — ħarġet sejħa għall-offerti għalih f'Settembru u kien aġġudikat f'Ottubru 2015. Is-sejħa għall-offerti għat-tieni lott — stħarriġ metodoloġiku tal-mudelli empiriċi eżistenti tal-migrazzjoni — inħarġet f'Diċembru 2015. Kienu riċevuti erba' proposti validi, u l-evalwazzjoni għandha tibda f'Jannar 2016.

Bħala parti mill-isforz sabiex jikseb fehim aħjar tal-flussi tal-asil, kif ukoll sabiex iwettaq il-mandat tiegħu bħala l-korp tal-UE li jipprovdri Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) lill-Istati Membri u partijiet ikkonċernati istituzzjonali oħra, fit-3-4 kwart tal-2015 tnieda proġett pilota għall-ġbir u l-analiżi esternalizzati ta' informazzjoni kwalitattiva rilevanti għall-fatturi ta' push fil-pajjiżi ta' oriġini ewlenin. Ir-riżultat se jikkonsisti minn rapporti ta' kull xahar ta' intelligence dwar il-pajjiż għal tliet pajjiżi għal sitt xhur. Dawn se jikkontribwixxu għall-prodotti analitiċi u r-riċerka dwar is-COI tal-EASO, u se jiġu distribwiti wkoll lil netwerks ta' kuntatt esterni għall-EASO. L-offerta għar-rapporti ta' intelligence dwar il-pajjiżi kienet aġġudikata f'Novembru 2015. Il-ħidma preparatorja bdiet f'Diċembru 2015, iżda r-rapporti se jibdew joħorġu minn Jannar 2016.

6. Appoġġ lil pajjiżi terzi

L-appoġġ tal-EASO lil pajjiżi terzi huwa konformi mal-Istrateġija tal-EASO għall-azzjoni esterna ¹⁸, li tikkonforma mal-politiki u l-prijoritajiet ġenerali tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni, b'mod speċjali, mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM), il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u l-Istrateġija ta' tkabbir tal-UE. L-Istrateġija u l-attivitajiet tal-EASO f'dan il-qasam huma bbażati fuq il-fehim li d-dimensjonijiet interni u esterni kemm tal-migrazzjoni kif ukoll tal-asil huma interkonnessi flimkien mill-qrib. Għalhekk, il-migrazzjoni u l-asil ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

6.1 Dimensjoni esterna

Il-ħidma tal-EASO għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tas-SEKA bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea u fil-qafas tal-politika dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-UE.

F'dan il-kuntest, l-EASO kien involut fi proġett iffinażjat mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) relatat mal-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-ħidma tal-EASO kif ukoll il-parteċipazzjoni tat-Tuneżija u tal-Marokk fil-ħidma tal-EASO u tal-Frontex. L-implimentazzjoni bdiet fl-1 ta' Marzu 2014 u kienet estiża sal-aħħar ta' Ġunju 2016. Hija tikkontribwixxi għal fehim aqwa tal-funzjoni, l-operazzjonijiet u l-attivitajiet tal-EASO u tal-Frontex u tar-rwol li għandhom l-Istati Membri tal-UE. Il-proġett jivvaluta u jidentifika l-ħtiġijiet ta' għajjnuna teknika tal-Ġordan, tal-Marokk u tat-Tuneżija u l-adattabbiltà tal-għodda tal-EASO u tal-Frontex għall-adattament possibbli tagħhom. Il-gruppi fil-mira tal-attivitajiet tal-proġett huma l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-asil u tal-fruntieri, li t-tnejn għandhom responsabbiltajiet operattivi (inklużi l-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, il-Ministeri tal-Intern u l-Ministeri tal-Ġustizzja) u dawk li jwettqu attivitajiet ta' appoġġ (bħall-iskambju tal-informazzjoni, il-bini tal-kapaċità, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet legali).

L-implimentazzjoni tal-proġett kompliet fl-2015. B'kolloxx, fl-2015 kienu implimentati 14-il attività, fosthom 3 żjarat ta' studju tal-uffiċjali tal-pajjiżi fi Spanja, ir-Renju Unit u Franza, seminar għall-Membri Parlamentari Marokkini u seminar tematiku fil-Ġordan, 2 żjarat tal-EASO fil-Ġordan u fit-Tuneżija. Uffiċjali mit-tliet pajjiżi fil-mira pparteċipaw f'sessjoni ta' taħriġ lil

min iħarreġ f'Malta, kif ukoll f'taħriġ ieħor tal-EASO dwar l-inklużjoni, l-esklużjoni, il-valutazzjoni tal-evidenza u t-tekniki tal-intervistar.

Barra minn hekk, l-EASO implimenta attivitajiet fil-kuntest tan-Netzwerk tiegħu dwar id-Dimensjoni Esterna, li ġie stabbilit fl-2014 sabiex jintegra l-komunikazzjoni u jikkondividi informazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, Aġenziji rilevanti tal-ĠAI u organizzazzjonijiet internazzjonali. L-EASO organizza 2 laqgħat dwar id-Dimensjoni Esterna, kif ukoll sessjoni ta' ħidma dwar il-ħiliet ta' Komunikazzjoni fid-Dimensjoni Esterna. Is-sessjoni ta' ħidma kienet faċilitata minn espert estern fil-komunikazzjoni multikulturali bil-għan li jiġu żviluppanti aktar il-ħiliet fil-komunikazzjoni multikulturali għall-esperti skjerati fid-dimensjoni esterna. Kienu ttrattati diversi oqsma ġodda u l-esperti ġew mgħammra b'tekniki ġodda u għarfien dwar il-komunikazzjoni interkulturali.

Bħala parti mill-mandat tiegħu tad-Dimensjoni Esterna, l-EASO organizza wkoll żewġ sessjonijiet ta' taħriġ u sessjonijiet ta' taħriġ reġjonali: it-taħriġ fi Vjenna indirizza l-Valutazzjoni tal-Evidenza u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-aktar mill-Balkani tal-Punent u t-Tuneżija, kienu jiffurmaw l-akbar kontinġent tal-parteċipanti, it-taħriġ f'Istanbul, li kien immirat esklussivament għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, dwar it-tliet moduli ewlenin ta' taħriġ tal-EASO dwar l-Inklużjoni, it-Tekniki tal-Intervistar u l-Valutazzjoni tal-Evidenza, attendew għalih uffiċjali mill-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk u t-Tuneżija. Barra minn hekk, meta nfetħu postijiet, uffiċjali mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent attendew numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ tal-EASO f'Malta, fi Brussell u f'Talinn. Kienu mnedija traduzzjonijiet tat-Taħriġ tal-EASO bil-Kroat (il-modulu dwar it-Tekniki tal-Intervistar); bil-Franċiż (il-modulu dwar is-SEKA); u bl-Għarbi (il-Manwali tal-EASO, eċċ.).

Matul l-2015 l-EASO segwa l-iżviluppi fir-rotta tal-Balkani tal-Punent. Bi tweġiba għad-dikjarazzjoni adottata fil-Laqqgħa tal-Mexxejja dwar il-flussi ta' refuġjati tul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent, l-EASO stabbilixxa l-azzjonijiet li ġejjin: ġie nominat punt ta' kuntatt tal-EASO fiċ-Ċentru għall-Appoġġ Operattiv; ġie żviluppat abbozz/Pjan ta' Azzjoni intern tal-EASO; kienu organizzati missjonijiet f'pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja) għal laqgħat mal-awtoritajiet; parteċipazzjoni u kontribut għall-vidjokonferenzi regolari mal-pajjiżi tul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent u partijiet ikkonċernati oħra, preseduti mill-Kabinet

¹⁸ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-External-Action-Strategy.pdf>

tal-President Juncker u ħarsiet ġenerali ta' kull ġimġha dwar is-sitwazzjoni tal-asil u l-aħħar xejriet fil-qasam tal-asil.

Fl-aħħar nett, l-EASO kompli bl-azzjonijiet tiegħu sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni (RDPPs). L-EASO pparteċipa f'missjonijiet tal-RDPP għall-Afrika ta' Fuq fil-Marokk, it-Tuneżija u l-Alġerija u kien inkluż fit-Task Force għall-RDPP tal-Afrika ta' Fuq. L-EASO attenda l-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-RDPP għall-Afrika ta' Fuq f'Ruma fl-20 ta' Ottubru 2015 u sottometta proposta għal proġett fil-qafas tal-RDPP għall-Afrika ta' Fuq wara konsultazzjoni mal-Istati Membri tal-UE. Il-proposta għall-proġett tal-EASO għadha qiegħda tistenna d-disponibbiltà ta' finanzjament. Barra minn hekk, l-EASO attenda s-Summit tal-Belt Valletta fil-11-12 ta' Novembru 2015 u sussegwentement kien

identifikat bħala attur rilevanti sabiex jipprovdi bini tal-kapaċità, inkluż taħriġ, lill-pajjiżi ta' orġini, ta' tranżitu u tad-destinazzjoni.

6.2 Ir-risistemazzjoni

Fil-qasam tar-risistemazzjoni, l-EASO għandu l-għan li jiżvolġi rwol ta' koordinazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost il-pajjiżi tal-UE+, kif ukoll f'azzjonijiet oħra. B'kooperazzjoni mal-UNHCR u l-IOM, l-EASO għandu l-għan li jipromwovi l-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE+ sabiex jintlaħqu l-miri maqbula tar-risistemazzjoni, mhux biss f'termini tas-sottomissjonijiet, iżda wkoll f'termini tat-tluq effettiv lejn l-UE. Fil-qasam tar-risistemazzjoni, l-EASO jaħdem b'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR u l-IOM u jfittex li jsaħħaħ ir-rwol tal-UE f'dan il-qasam.



Stampa 4. Analisti tad-Data tal-EASO jinterpretaw ix-xejriet tal-migrazzjoni.



Stampa 5. Sessjoni ta' informazzjoni lill-istampa fil-marġini tas-Summit tal-Belt Valletta 2016.



Stampa 6. Volker Türk, l-Assistent Kummissarju Għoli tal-UNHCR għall-Protezzjoni waqt il-Konferenza dwar il-5 snin tal-EASO.

F'konformità ma' dan l-objettiv, fl-2015 l-EASO żviluppa proposta għall-ġbir ta' data u informazzjoni operattiva dwar ir-risistemazzjoni. Il-proposta ntbagħtet lill-pajjiżi tal-UE+ għall-kummenti f'Diċembru 2015 u l-ġbir tad-data beda fil-bidu tal-2016.

Barra minn hekk, l-EASO ddiskuta l-iżvilupp possibbli ta' għodda ta' taħriġ dwar ir-Risistemazzjoni waqt il-laqgħa tal-NCPs għat-Taħriġ f'Mejju 2015. Wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, kienu prijoritizzati oqsma oħra għall-iżvilupp ta' għodod ta' taħriġ fl-2015. Ir-risistemazzjoni tibqa', madankollu, qasam ta' interess għall-attivitajiet ta' taħriġ fis-snin li ġejjin, li għandhom jiġu żviluppati jew direttament mill-EASO jew bi sħubija ma' atturi rilevanti.

L-EASO pparteċipa attivament fit-tielet Forum dwar ir-Risistemazzjoni u r-Rilokazzjoni u fit-2 ta' Ottubru 2016, wara l-Forum dwar ir-Risistemazzjoni u r-Rilokazzjoni, organizza sessjoni ta' ħidma dwar ir-risistemazzjoni li ffoka fuq pajjiżi ġodda ta' risistemazzjoni. L-EASO pparteċipa wkoll f'sessjoni ta' ħidma inawgurati dwar il-proġett EU-FRANK immexxi mill-Iżvezja u fil-Konsultazzjoni Tripartita Annwali dwar ir-Risistemazzjoni (ATCR).

7. Il-qafas, in-netwerk u l-organizzazzjoni tal-EASO

7.1 Bord tat-Tmexxija

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015

Saru 3 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija

Kienu adottati 10 Deċiżjonijiet

Il-Bord tat-Tmexxija huwa l-korp regolatorju u tal-ippjanar tal-EASO. Fl-2015, kien magħmul minn 31 membru u osservatur (membru minn kull Stat Membru, ħlief għad-Danimarka, li hija mistiedna tattendi bħala osservatur, żewġ membri mill-Kummissjoni Ewropea u membru ieħor mingħajr vot tal-UNHCR). Barra minn hekk, rappreżentanti tal-pajjiżi assoċjati (L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) kienu mistiedna jattendu għal-laqqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi. Il-Frontex ukoll kien mistieden regolarment jieħu sehem fis-suġġetti rilevanti tal-laqqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, b'mod speċjali fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE u s-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejija.

Ġew organizzati 3 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija f'Marzu, f'Ġunju u f'Settembru 2015. Fil-laqqgħa tiegħu ta' Ġunju, il-Bord tat-Tmexxija għażel lis-Sur David Costello, il-membru mill-Irlanda, bħala d-Deputat President tal-Bord.

Matul l-2015, il-Bord tat-Tmexxija adotta d-dokumenti u d-deċiżjonijiet li ġejjin:

- L-adozzjoni tal-baġit tal-EASO għall-2015;
- Id-Deċiżjoni riveduta Nru 8 tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-profilu u n-numru globali ta' esperti li għandhom isiru disponibbli għat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil (AIP);
- L-Aġġustamenti 1 u 2 tal-Programm ta' Ħidma tal-EASO għall-2015;
- Il-Programm ta' Ħidma 2016;
- L-Emenda 1 tal-Programm ta' Ħidma tal-EASO għall-2016;
- Il-Baġit tal-EASO għall-2016 u t-Tabella tal-Persunal għall-2016;
- Ir-Rapport Annwali Ġenerali 2014;
- Ir-Rapport Annwali Konsolidat dwar l-Attività 2014;
- Ir-Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-Asil fl-UE 2014;
- L-Opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-Kontijiet Annwali Finali għas-sena finanzjarja 2014.

Fl-2015, il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO kompli bid-diskussjonijiet strateġiċi tiegħu dwar il-ġestjoni prattika tas-SEKA, inkluż dwar l-ipproċessar konġunt, ir-rati ta' rikonoxximent, il-Pjan ta' Azzjoni b'10 punti u l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, id-dijaspora, u diversi temi relatati mas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE. Ġew diskussi x-xejriet, l-isfidi u l-aħjar prattiki fost il-Membri u r-Rappreżentanti.

Il-Bord tat-Tmexxija ddiskuta l-progress relatat mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-qafas tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, it-Task Force tal-Mediterran u l-miżuri ta' appoġġ tal-EASO lill-Bulgarija, lill-Greċja, lill-Italja u lil Ċipru. Ingħatat attenzjoni partikolari lit-taħriġ u lill-iżvilupp professjonali, lill-proċessi ta' kwalità u lis-COI u lill-iżvilupp tal-portal tas-COI.

Rigward l-EPS, il-Bord tat-Tmexxija ddiskuta l-implimentazzjoni tal-Istadju III tal-proċess u rċieva r-rapporti ta' kull xahar u dawk trimestrali dwar l-asil. Fl-aħħar nett, il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO rċieva aġġornament f'kull laqgħa dwar l-istat tal-evalwazzjoni esterna tal-EASO, li kienet finalizzata f'Diċembru 2015.

7.2 Network ta' kooperazzjoni tal-EASO

7.2.1 Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mal-Kummissjoni Ewropea

Ir-riżultati tal-kooperazzjoni tal-EASO mal-istituzzjonijiet tal-UE fl-2015

Laqgħat regolari mal-Kummissjoni Ewropea

Żjara ta' Livell għoli organizzata mal-Kummissjoni Ewropea

Parteċipazzjoni fil-Laqqgħa tal-Mexxejja tal-Balkani tal-Punent u fis-Summit tal-Belt Valletta

5 laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt Konġunt

L-EASO jaġixxi fi ħdan il-politiki u l-qafas istituzzjonali tal-UE. Fl-2015, l-EASO ssottometta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea, fost l-oħrajn, il-Programm ta' Ħidma annwali tiegħu, ir-Rapport Annwali tiegħu dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE, ir-rapport Annwali dwar l-attivitajiet tiegħu, il-kontijiet finali tiegħu.

B'rabta mal-Kummissjoni Ewropea, kienu organizzati laqgħat bilaterali u vidjokonferenzi regolari bejn l-EASO u l-Kummissjoni f'livelli differenti. Il-kooperazzjoni strutturata kompliet mal-Kummissjoni Ewropea fil-kapaċità tagħha bħala membru formali tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO. Il-Kummissarju Ewropew għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni u ċ-Ċittadinanza, Dimitris Avramopoulos żar lill-EASO sabiex jiddiskuti r-rwol tal-EASO fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil kif ukoll sabiex jiddiskuti l-aħħar xejriet fil-qasam tal-asil.

Ir-relazzjonijiet bejn l-EASO u d-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni komplew jiġu żviluppanti. L-EASO ħadem mill-qrib mad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni fuq l-amministrazzjoni u fuq kwistjonijiet ta' politika u operattivi. Barra minn hekk, l-EASO kompli jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni sabiex jorganizza laqgħat konġunti u laqgħat eżattament wara l-laqgħat tal-Kumitati ta' Kuntatt.

Minbarra hekk, l-EASO pparteċipa attivament f'laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-EMN u f'laqgħat tal-NCPs, u kkoopera fuq il-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali rispettiv tagħhom, fl-oqsma tal-istatistika, il-glossarju u fil-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tal-EMN.

Fl-2015 l-EASO saħħaħ ukoll il-kooperazzjoni tiegħu mad-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp (DĠ Devco) u mas-SEAE dwar l-implimentazzjoni tal-proġett tal-ENPI, u mal-Eurostat fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar l-asil. Fl-2015 ġiet promossa l-kooperazzjoni regolari dwar l-aspetti baġitarji u finanzjarji, kif ukoll dwar ir-riżorsi umani, mad-DĠ għall-Baġit u mad-DĠ għar-Riżorsi Umani, rispettivament.

Fir-rigward tal-Kunsill tal-UE, l-EASO pparteċipa fil-Laqgħa tal-Mexxejja tal-Balkani tal-Punent, fis-Summit tal-Belt Valletta, f'Kunsilli tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern u fil-Kumitat Strateġiku tal-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) u f'laqgħat ta' gruppi ta' ħidma ta' livell għoli.

L-EASO pparteċipa f'4 laqgħat fil-Parlament Ewropew fejn ipprova skedi informattivi dwar ix-xejriet u analiżi u ppreżenta r-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE u r-rapport annwali tal-attività tal-EASO 2014. Barra minn hekk, f'Ġunju l-EASO organizza jum ta' informazzjoni dwar l-EASO fil-Parlament Ewropew fi Brussell fejn ipprova materjal ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-aġenzija.

7.2.2 Kooperazzjoni mal-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

Ir-riżultati tal-kooperazzjoni tal-EASO mal-UNHCR u Organizzazzjonijiet Internazzjonali oħra fl-2015

Laqgħa ta' livell għoli mal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati

Żjara minn Dott. Volker Türk, Assistent Kummissarju Għoli għall-Protezzjoni, UNHCR

Żjara mis-Segretarju Ġenerali tal-OSKE, is-Sur Lamberto Zannier

Parteċipazzjoni regolari fil-laqgħat tal-GDISC u tal-IGC

Fit-tweqqiq tal-kompiti tiegħu, fl-2015 l-EASO aġixxa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti oħra. L-EASO u l-UNHCR iffirrawwarrangament ta' ħidma fl-2013 li ppermetta kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma kollha koperti mir-Regolamenti dwar l-EASO. Fl-2015, il-kooperazzjoni mal-UNHCR kopriet b'mod partikolari l-oqsma tat-taħriġ, tal-proċessi ta' kwalità, ix-xejriet u l-analiżi, il-minorenni mhux akkumpanjati, ir-risistemazzjoni, id-dimensjoni esterna tas-SEKA, l-appoġġ speċjali u ta' emerġenza, inkluża r-rilokazzjoni mill-Italja u mill-Greċja. F'Settembru, Dott. Volker Türk, Assistent Kummissarju Għoli għall-Protezzjoni, tal-UNHCR, għamel diskors ewlieni fil-konferenza tal-EASO u f'Lulju 2015 l-UNHCR ospita konsultazzjoni mal-maniġment superjuri. L-UNHCR ipparteċipa fil-Bord tat-Tmexxija tal-EASO bħala membru mingħajr dritt tal-vot u kkondivida skedi informattivi. Barra minn hekk, l-uffiċċju ta' kollegament permanenti tal-UNHCR għall-EASO bbażat f'Malta pparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet tal-EASO matul is-sena, u hekk iffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-UNHCR u l-EASO.

F'Novembru 2015 saret żjara għand l-EASO mis-Segretarju Ġenerali tal-OSKE, is-Sur Lamberto Zannier. L-EASO żamm ukoll kuntatti mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti oħra li jaħdmu fl-oqsma tal-asil, bħall-Kunsill tal-Ewropa, id-Diretturi Ġenerali tal-Konferenza tas-Servizzi tal-Immigrazzjoni (GDISC), il-Konsultazzjonijiet Intergovernattivi dwar il-Migrazzjoni, l-Asil u r-Refuġjati (IGC) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). Rigward il-Kunsill tal-Ewropa u l-IOM, l-EASO skambja b'mod regolari fehmiet u kkontribwixxa għall-ħidma tagħhom. Rigward il-GDISC, l-EASO pparteċipa fil-laqgħat, il-konferenzi u s-sessjonijiet ta' ħidma tal-Bord ta' Tmexxija tal-GDISC, filwaqt li fuq il-bażi ta' skambju ta' ittri mal-IGC, l-EASO kien qed jattendi b'mod regolari l-gruppi ta' ħidma tal-IGC u d-direttur eżekuttiv ħa sehem fid-diskussjoni sħiħa tal-IGC.

7.2.3 Kooperazzjoni ma' aġenziji tal-UE u aġenziji tal-ĠAI

Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-Aġenziji tal-UE f'ċifri 2014
Ipparteċipa fi 3 laqgħat tal-grupp ta' kuntatt mal-Aġenziji tal-ĠAI
Ipparteċipa f'2 laqgħat tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI
Organizza laqgħa għall-uffiċjali tal-istampa u l-multiplikaturi tal-kompetizzjoni tal-ĠAI
Ipparteċipa f'erba' laqgħat tan-netwerk tal-aġenziji tal-UE

Matul l-2015, l-EASO kompli l-kuntatti u r-relazzjonijiet reċiproċi fuq livell bilaterali mal-aġenziji tal-ĠAI, b'mod partikolari permezz tal-kanali ta' kooperazzjoni tal-ĠAI bejn l-aġenziji. Wara l-arranġamenti ta' ħidma speċifiċi mal-Frontex, mal-FRA u mal-euLISA, se jiġu implimentati attivitajiet bilaterali kif spjegat fid-dettall hawn taħt.

Matul l-2015, l-Aġenziji tal-ĠAI żammew kuntatti formali u informali permanenti u kellhom laqgħat regolari rigward l-attivitajiet tagħhom. L-EASO pprova kontribut għall-preparazzjoni tar-rapport finali tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-Aġenziji tal-ĠAI fl-2015.

Fil-kuntest tan-netwerk usa' tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE, l-EASO pparteċipa b'mod attiv matul l-2015 f'2 laqgħat tal-Kapijiet tal-Amministrazzjonijiet u l-Kapijiet tal-Aġenziji, u pprova kontribut f'diversi konsultazzjonijiet u s'fharriġiet.

7.3 Forum Konsultattiv

Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-Forum Konsultattiv fl-2015
Ġew ikkonsultati 100 organizzazzjoni dwar diversi oqsma tal-ħidma tal-EASO
60 organizzazzjoni pparteċipaw f'konferenza dwar il-5 snin tal-EASO u s-SEKA
120 parteċipant fit-tnedija tar-Rapport Annwali tal-EASO dwar il-konferenza
100 parteċipant fil-ħames sessjoni plenarja tal-Forum Konsultattiv

Il-Forum Konsultattiv tal-EASO jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u l-ġbir flimkien tal-għarfien bejn l-EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u korpi rilevanti li joperaw fil-qasam tal-politika dwar l-asil. Il-Forum Konsultattiv tal-EASO ġie stabbilit fl-2011. Is-soċjetà ċivili li topera fil-qasam tal-asil hija kkaratterizzata minn numru konsiderevoli ta' organizzazzjonijiet attivi u differenti li għandhom rwol ewlieni kemm fid-dibattitu dwar u l-implimentazzjoni tal-politika

u l-prattiki tal-asil fuq livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll fl-implimentazzjoni nnifisha permezz ta' diversi attivitajiet. Xi organizzazzjonijiet kienu strumentali wkoll sabiex jappoġġaw il-ġustizzja u l-preċiżjoni tal-proċeduri tal-asil, b'mod partikolari billi jagħtu appoġġ sabiex ċerti każijiet jitressqu quddiem il-QtĠ-UE u l-QEDB.

Matul l-2015, l-EASO saħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà ċivili u l-bażi tas-sħubija fil-Forum Konsultattiv kibret għal 80 organizzazzjoni. L-EASO kkonsulta u involva lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'diversi oqsma tal-ħidma tiegħu, inkluż membri tal-grupp ta' referenza li jpparteċipa fit-tfassil u l-aġġornament tal-modulu ta' taħriġ tal-EASO. L-EASO laqa' l-kummenti mis-soċjetà ċivili dwar il-Programm ta' Ħidma tal-EASO għall-2015 u r-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE u r-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet tal-EASO. Ir-rapport tnieda fit-8 ta' Lulju 2015 waqt avveniment speċjali ta' disseminazzjoni u diskussjoni fi Brussell li għalih attendew numru kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-membri tal-Forum Konsultattiv kienu mitluba mid-Direttur Eżekuttiv, permezz ta' sejħa miftuħa għall-kontribut ippubblikata fuq is-sit web tal-EASO fl-2015, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar ħidma li wettqu matul is-sena li fil-fehma tagħhom ikkontribwixxiet għall-implimentazzjoni tas-SEKA. L-EASO kkunsidra l-kontribut rilevanti kollu li rċieva mis-soċjetà ċivili u rriflettiet fir-rapporti.

Esperti mis-soċjetà ċivili kienu mistiedna sabiex jipparteċipaw f'avvenimenti tal-EASO matul is-sena. Fl-2015, diversi organizzazzjonijiet kienu involuti b'mod dirett fil-ħidma tal-EASO. Qasam iddedikat għall-Forum Konsultattiv jiffaċilita l-konsultazzjonijiet. Kalendarju trimestrali tal-konsultazzjonijiet jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EASO. Fl-2015, l-EASO ppubblika 9 bullettini, li jinkludu wkoll rapporti dwar il-laqgħat u s-sessjonijiet ta' ħidma tal-EASO sabiex ikun assigurat li s-soċjetà ċivili jkollha aċċess għall-informazzjoni. Fit-30 ta' Novembru 2015 l-EASO organizza l-ħames laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv tal-EASO ¹⁹ fil-Belt Valletta li fiha pparteċipaw madwar 100 rappreżentant minn 45 organizzazzjoni.

¹⁹ <https://easo.europa.eu/easo-consultative-forum/registration/>

7.4 Komunikazzjoni

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2015
Fl-2015, l-EASO ttripla l-preżenza tiegħu fl-istampa
Wieġeb għal aktar minn 1 800 talba għall-informazzjoni
Stabbilixxa netwerk ta' ġurnalisti li jaħdmu dwar l-asil
Organizza jum ta' informazzjoni dwar l-EASO fl-Istati Membri
Għamel aktar minn 100 intervista ta' livell għoli

F'konformità mal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tal-EASO, dan wettaq firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni billi uża kanali differenti sabiex jippromwovi r-rwol, il-valuri, l-attivitajiet u l-ħidma tal-Aġenzija.

Is-sit web tal-EASO se jkun il-qofol tal-isforzi tiegħu ta' komunikazzjoni. Kanali oħra jinkludu l-istampa miktuba u awdjoviżiva, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti (bħal jiem għall-pubbliku tal-UE, seduti ta' smigħ pubbliċi u avvenimenti oħra fosthom okkażjonijiet kbar, politikament importanti), preżentazzjonijiet u esibizzjonijiet tal-ħidma u l-attivitajiet tal-EASO, pubblikazzjonijiet u rapporti, il-bullettin ta' kull xahar tal-EASO, stqarrijiet għall-istampa; u siltiet mill-istampa ta' kuljum (għall-użu intern).

Fl-2015, is-sit web tal-EASO ra żieda ta' 30 % fin-numru ta' żjarat fil-paġna tiegħu. Inħarġu 10 edizzjonijiet tal-bullettin u l-abbonati żdiedu b'36 % meta mqabbel mal-2014.

L-EASO ttripla l-preżenza tiegħu fl-istampa Inħarġu 20 stqarrija għall-istampa u saru aktar minn 100 intervista minn Jannar 2015. L-EASO mmonitorja kuljum il-kopertura tiegħu fl-istampa u ppubblika 42 mill-aktar artikli importanti dwar l-attivitajiet tal-EASO fuq is-sit web tal-EASO. B'kolloxx, fl-2015, kienu rreġistrati aktar minn 2 000 artiklu dwar l-EASO fl-arkivju tal-istampa.

Twaqqaf netwerk ta' ġurnalisti; dan jikkonsisti minn 35 ġurnalist li jiffurmaw il-grupp ċentrali u 76 ġurnalist addizzjonali. Fl-1 ta' Ġunju 2015 saret laqgħa tan-netwerk u għaliha attendew 19-il parteċipant. Fit-30 ta' Marzu 2015 kienet organizzata wkoll laqgħa għall-multiplikaturi tal-Komunikazzjoni tal-EASO. 18-il parteċipant estern attendew għal-laqgħa u pprovdew ideat u rispons li kienu inkorporati fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EASO u rispons li kien inkorporat fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EASO.

Fid-19 ta' Ġunju 2015 kien organizzat jum ta' informazzjoni fl-Istati Membri. Kienu organizzati 17-il desk ta' informazzjoni fil-pajjiżi tal-UE+ kollha u 5 uffiċjali tal-EASO għamlu preżentazzjonijiet fil-Belġju, Franza, l-Ungerija, Malta u r-Rumanija.

L-EASO mmaniġġja b'mod effettiv il-kaxxa postali ta' informazzjoni dwar l-EASO u wieġeb għal aktar minn 1 000 domanda elettronika. Barra minn hekk, l-EASO wieġeb għal kważi 1 800 talba mill-istampa u oħrajn. Il-politika tal-EASO hija li jwieġeb it-talbiet mill-istampa fi żmien 48 siegħa. Il-biċċa l-kbira tat-talbiet kienu mwieġba fi żmien 24 siegħa.

Fl-2015, l-EASO ppubblika 50 pubblikazzjoni, inklużi dokumenti ta' programmar, rapporti, materjal ta' taħriġ, manwali, fuljetti f'konformità mal-identità viżiva tiegħu. Ġiet imqasma wkoll xi merkanzija.

Il-produzzjoni ta' vidjo korporattiv dwar l-EASO²⁰ tlestiet fl-2015, u ġie prodott ukoll vidjow tal-EASO dwar ir-Rapport tal-Attività Annwali 2014.

Sabiex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-EASO dwar ir-rilokazzjoni, kienu prodotti 3 vidjows dwar ir-rilokazzjoni. L-EASO beda jaħdem ukoll fuq fuljetti u għodod oħra ta' komunikazzjoni relatati mar-rilokazzjoni.

7.5 Il-ġestjoni tar-riżorsi


Fl-2015, l-istruttura organizzattiva interna tal-EASO kienet immexxija mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu, li kien appoġġjat b'mod dirett minn Uffiċċju Eżekuttiv, minn 4 Kapijiet tat-Taqsimiet/taċ-Ċentri li ġejjin, kif ukoll mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà:

- It-Taqsima tal-Affarijiet Ġenerali u tal-Amministrazzjoni (GAAU)
- Iċ-Ċentru għall-Infommazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi (CIDA)
- Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operattiv (COS)
- Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Esperjenza (CTQE)

Matul is-sena, id-Direttur Eżekuttiv u l-4 Kapijiet tat-Taqsimiet/taċ-Ċentri ltaqgħu kull ġimgħa f'Laqgħa tat-Tim tat-Tmexxija sabiex jimmonitorjaw il-progress tal-attivitajiet u tal-organizzazzjoni tal-EASO u jiddiskutu l-attivitajiet li jkunu ġejjin. Dawn kienu ssupplimentati minn laqgħat tematiċi għolja dwar kwistjonijiet relatati mal-kontenut ewleni orizzontali li jaffettwaw lill-organizzazzjoni.

L-EASO kellu 93 membru tal-persunal (fis-servizz u maħtura) fl-aħħar tal-2015, inkluż 61 persunal temporanju, 21 aġent kuntrattwali u 11-il espert nazzjonali sekondat. Fl-aħħar tal-2015 kienu rappreżentati fl-EASO 22 nazzjonalità tal-Istati Membri tal-UE. L-EASO lesta 21 proċedura ta' reklutaġġ, filwaqt li diversi kompetizzjonijiet għal pożizzjonijiet previsti fit-tabella tal-persunal tal-2015 kienu ffinalizzati biss fil-bidu tas-sena ta' wara. Fl-2015 kienu assenjati 30 pożizzjoni

²⁰ <https://www.easo.europa.eu/sites/default/files/public/video/gallery/EASOFEATUREMASTERINTERNETVERSION.mp4>



għida lill-EASO (tabella tal-persunal, emenda 2): ir-reklutaġġ ta' dawn il-pożizzjonijiet ġodda beda fl-aħħar kwart tas-sena.

Il-bilanċ bejn is-sessi fi ħdan l-EASO irriżulta fi 63 % tal-membri tal-persunal nisa u 37 % tal-persunal irġiel. Il-Kumitat tal-Persunal tal-EASO elett f'Settembru 2015 wettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod regolari skont il-mandat tiegħu.

L-Aġenzija ffirmat ftehimiet ma' skejjel privati/internazzjonali f'Malta sabiex tikkompensa għan-nuqqas preżenti ta' Skola Ewropea sa perimetru ta' 50 km mill-kwartieri ġenerali tal-EASO. F'dan is-sens, il-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2013 adotta Deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-EASO għall-miżati tal-iskola għat-tfal li jattendu skola privata/internazzjonali f'Malta u sabiex jappoġġa l-integrazzjoni tagħhom fl-ambjent lokali. Id-Deċiżjoni tippredvi l-għoti ta' appoġġ finanzjarju adegwat lill-membri tal-persunal li t-tfal tagħhom jattendu dawn l-iskejjel, filwaqt li jiġi kkunsidrat ukoll l-iżvilupp ta' approċċ sostenibbli u bilanċjat bejn l-appoġġ finanzjarju għall-miżati annwali tal-iskola u n-nefqa tal-Aġenzija.

L-EASO organizza diversi avvenimenti kulturali u soċjali għall-persunal, inklużi 8 attivitajiet tematiċi. Dawn

kellhom l-għan li jżommu lill-persunal tal-EASO informat dwar kwistjonijiet importanti u jservu bħala attivitajiet ta' bini ta' timijiet.

Rigward il-baġit u l-implimentazzjoni tiegħu, il-baġit tal-EASO fl-2015 kien jammonta għal madwar EUR 15.9 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, inkluż il-finanzjament allokat għall-proġett tal-ENP u l-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja. Fl-2015 kienu adottati żewġ emendi fil-baġit.

L-EASO implimenta b'suċċess il-pjan ta' akkwist 2015, li appoġġa t-tweġġ ta' 7 sejħiet miftuħa, 8 offerti taħt EUR 60 000, 64 proċedura nnegożjata taħt EUR 15 000, 7 proċeduri nnegożjati eċċezzjonali u sejħa għal espressjoni ta' interess.

Fil-qasam tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), kienet imtejba l-infrastruttura tal-ICT sabiex tappoġġa l-attivitajiet operattivi u l-attivitajiet amministrattivi. Kienu ffirmati eżerċizzji ta' Analiżi tal-Impatt fuq in-Negożju (BIA) u dawn tlestew f'livell ta' 79 %. Tnediet sistema ta' ġestjoni mingħajr karti u din hija mistennija li tibda titħaddem fl-1 ta' Marzu 2016. Ittiegħdu passi oħra rigward il-Pjan ta' Irkupru minn Diżastru tal-ICT u f'Jannar 2016 huwa mistenni li jiġi ffirmat Memorandum ta' Qbil mal-eu-LISA għal sit sekondarju ta' rkupru minn diżastru.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-EASO implimenta u kompli jiżviluppa l-kontrolli interni tiegħu skont l-Istandards ta' Kontroll Intern adottati f'Novembru 2012. Minbarra l-awditu fuq il-kontijiet annwali, fl-2015 l-IAS għamel rapport tal-awditjar dwar il-ġestjoni tat-taħriġ fil-qafas tal-Attivitajiet ta' Appoġġ Permanenti u ta' Appoġġ ta' Emerġenza/Speċjali tal-EASO u ġie żviluppat pjan ta' azzjoni li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport.

7.6 L-Evalwazzjoni Esterna tal-EASO

L-Artikolu 46 tar-Regolament dwar l-EASO jiddikjara li l-EASO għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti tal-kisbiet tiegħu. Wara l-adozzjoni tat-Termini ta' Referenza tal-Bord tat-Tmexxija u l-proċedura ta' akkwist applikabbli, EY (ex-Ernst & Young) ingħataw il-mandat mill-EASO sabiex iwettqu l-evalwazzjoni esterna indipendenti tal-attivitajiet tal-EASO li jkopru l-perjodu minn Frar 2011 sa Ġunju 2014. Il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO nnomina Grupp ta' Tmexxija magħmul minn żewġ membri tal-Bord tat-Tmexxija u żewġ membri tal-persunal tal-EASO. B'deċiżjoni tal-Grupp ta' Tmexxija, il-kamp ta' applikazzjoni temporali ġie estiż sabiex ikopri l-perjodu sħiħ minn meta l-Aġenzija bdiet l-operazzjonijiet tagħha. Kienu koperti l-attivitajiet kollha implimentati mill-EASO, fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea. L-evalwazzjoni saret bejn Ottubru 2014 u Lulju 2015.

B'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni tematiku tal-evalwazzjoni kien ikopri l-valur miżjud tal-UE, l-effikaċja u l-impatt tal-EASO sabiex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), inkluż il-pakkett leġiżlattiv ġdid dwar l-asil. Kienu eżaminati wkoll l-effiċjenza u l-kwalità tal-prattiki ta' ħidma matul l-ewwel snin tal-operazzjonijiet tiegħu. L-għan aħħari tal-evalwazzjoni esterna kien li jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet konkreti sabiex jiġu indirizzati bidliet possibbli fil-qafas legali tal-EASO, bidliet strutturali fl-EASO (mingħajr ma jiġi emendat il-qafas legali tiegħu) u żieda ulterjuri fil-kooperazzjoni Prattika bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tat-taħriġ, tal-ġbir tad-data, tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u tal-appoġġ operattiv.

L-evalwaturi wettqu intervisti fi grupp mal-persunal tal-EASO, il-Membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-EASO, u partijiet ikkonċernati tal-UE. Barra minn hekk, saru wkoll sħarriġiet online mmirati lejn partijiet ikkonċernati nazzjonali, gruppi ta' esperti u fornituri ta' taħriġ tal-EASO, u membri tal-qradi u t-tribunali. Twettqu studji ta' każijiet fis-6 Stati Membri magħżula (Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Polonja u l-Iżvezja) sabiex tiġi analizzata l-missjoni tal-EASO fir-rigward ta' ħtiġijiet

u sitwazzjonijiet nazzjonali relatati u sabiex tinġabar aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet, il-valur miżjud u l-impatt tal-EASO fuq livell nazzjonali.

Fl-20 ta' Ottubru 2014 f'Malta saret laqgħa ta' tnedija dwar l-evalwazzjoni, li kienet segwita minn diversi laqgħat tekniċi u laqgħa tal-grupp ta' tmexxija fit-2 ta' Diċembru. L-evalwaturi osservaw ukoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-1 ta' Diċembru 2014, Marzu 2015 u Ġunju 2015 u l-laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv fil-11 u t-12 ta' Diċembru. Ir-rapport finali tal-evalwazzjoni ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Tmexxija f'Diċembru 2015. L-evalwaturi esterni ppreżentaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet lill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO f'Jannar 2016. F'dik il-laqgħa, l-EASO qabel li jiżviluppa Pjan ta' Azzjoni bbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet u li jirrapporta dwar l-istat tal-implimentazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija fil-laqgħat tiegħu li jmiss.

Rakkomandazzjonijiet:

- R1. Jippromwovi rieda politika għal aġġornament tal-mandat tal-EASO sabiex ikopri suġġetti rilevanti u sabiex jinkludi l-kompiti addizzjonali kollha li joħorġu mill-qafas legali u politiku li qiegħed jevolvi.
- R2. Isaħħaħ l-involvement tas-soċjetà ċivili waqt il-fażi ta' programmazzjoni tal-attivitajiet tal-EASO.
- R3. Jikkomunika aħjar dwar ir-riżultati u l-impatti tal-attivitajiet tiegħu.
- R4. Jikkjarifika aktar il-koordinazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-EMN u l-UNHCR.
- R5. Itejjeb il-proċess ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri li jitolbu l-appoġġ tal-EASO.
- R6. Jirrazzjonalizza l-esperti mibgħuta fl-Istati Membri sabiex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom.
- R7. Jirrevedi l-proċedura ġenerali għall-forniment tal-ASTs.
- R8. Iżid in-numru, il-profondità u l-użu tal-flussi ta' komunikazzjoni interna u l-proċessi ta' koordinazzjoni tal-EASO.
- R9. Iħaffef l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-EASO.

8. Annessi

8.1 Implimentazzjoni tal-baġit u rapport finanzjarju

8.1.1 Implimentazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' Impenn skont is-sors ta' finanzjament

Appropriazzjonijiet ta' impenn					
Titolu tal-baġit	Sors ta' finanzjament	Baġit attwali	Eżekuzzjoni attwali	Bilanċ li jifdal	Proporzjon (%)
Titolu 1	C1	5 891 360.00	5 533 270.59	358 089.41	93.92
	C4	481.02	0.00	481.02	0.00
	C5	338.49	0.00	338.49	0.00
	C8	217 839.83	157 903.58	59 936.25	72.49
	R0	100 000.00	20 000.00	80 000.00	20.00
Total tat-Titolu 1		6 210 019.34	5 711 174.17	498 845.17	91.97
Titolu 2	C1	3 384 833.08	2 917 077.57	467 755.51	86.18
	C4	102 748.00	72 551.55	30 196.45	70.61
	C8	608 848.44	553 408.61	55 439.83	90.89
	R0	235 349.36	185 965.00	49 384.36	79.02
Total tat-Titolu 2		4 331 778.88	3 729 002.73	602 776.15	86.08
Titolu 3	C1	6 178 000.00	6 036 799.46	141 200.54	97.71
	C5	11 476.20	4 164.00	7 312.20	36.28
	C8	2 691 892.44	2 488 551.14	203 341.30	92.45
	R0	324 024.53	324 024.53	0.00	100.00
Total tat-Titolu 3		9 205 393.17	8 853 539.13	351 854.04	96.18
Titolu 4	R0	574 302.93	540 873.84	33 429.09	94.18
Total tat-Titolu 4		574 302.93	540 873.84	33 429.09	94.18
Total ta' appropriazzjonijiet ta' impenn		20 321 494.32	18 834 589.87	1 486 904.45	92.68

8.1.2 Implimentazzjoni tal-baġit tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għal kull sors ta' finanzjament

Approprjazzjonijiet ta' pagament					
Titolu tal-baġit	Sors ta' finanzjament	Baġit attwali	Eżekuzzjoni attwali	Bilanċ li jifdal	Proporzjon (%)
Titolu 1	C1	5 891 360.00	5 344 958.07	546 401.93	90.73
	C4	481.02	0.00	481.02	0.00
	C5	338.49	0.00	338.49	0.00
	C8	217 839.83	157 903.58	59 936.25	72.49
	R0	100 000.00	20 000.00	80 000.00	20.00
Total tat-Titolu 1		6 210 019.34	5 522 861.65	687 157.69	88.93
Titolu 2	C1	3 384 833.08	1 840 494.26	1 544 338.82	54.37
	C4	102 748.00	72 551.55	30 196.45	70.61
	C8	608 848.44	553 408.61	55 439.83	90.89
	R0	235 349.36	125 587.89	109 761.47	53.36
Total tat-Titolu 2		4 331 778.88	2 592 042.31	1 739 736.57	59.84
Titolu 3	C1	6 178 000.00	4 763 583.78	1 414 416.22	77.11
	C5	981.87	745.62	236.25	75.94
	R0	324 024.53	0.00	324 024.53	0.00
Total tat-Titolu 3		6 503 006.40	4 764 329.40	1 738 677.00	73.26
Titolu 4	R0	574 302.93	430 861.20	143 441.73	75.02
Total tat-Titolu 4		574 302.93	430 861.20	143 441.73	75.02
Total ta' Approprjazzjonijiet ta' Pagament		17 619 107.55	13 310 094.56	4 309 012.99	75.54

8.2 Tqassim tal-persunal tal-EASO


L-istampa ġenerali tal-persunal tal-EASO fil-31 ta' Diċembru 2015 hija kif ġej: 93 membru tal-persunal (fis-servizz u maħtura). Huma rappreżentati kemm il-persunal statutorju kif ukoll l-esperti nazzjonali ssekondati. Il-kompożizzjoni hija 61 persunal temporanju, 21 aġent kuntrattwali, 11-il espert nazzjonali sekondat.

L-istruttura tal-persunal tal-EASO skont it-tabella tal-persunal 2015


Kategorija u grad	Awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni 2015		Baġit emendatorju 2/2015		Emenda 2/2015	
	uffiċjali	PT	uffiċjali	PT	uffiċjali	PT
AD 16						
AD 15						
AD 14		1				1
AD 13						
AD 12						
AD 11		1				1
AD 10		4		4		8
AD 9		4		5		9
AD 8		8		2		10
AD 7		13		15		28
AD 6		5				5
AD 5		9				9
Total AD		45		26		71
AST 11						
AST 10						
AST 9						
AST 8						
AST 7						
AST 6						
AST 5						
AST 4		2		4		6
AST 3		6				6
AST 2		1				1
AST 1		5				5
Total AST		14		4		18
TOTAL		59		30		89

Statistika dwar il-persunal tal-EASO

L-għadd totali ta' persunal skont is-sess
(data sal-31.12.2015)



Bilanċ nazzjonali tal-EASO



KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet